# Kummissjoni Nazzjonali

## għall-

# Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza

# 2005

## Kummissjoni Nazzjonali
## għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza

# RAPPORT ANNWALI
# 2005

## Werrej


| | Paġna |
|---|---|
| Messaġġ - Ministru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali | 3 |
| Daħla - Il-Kummissarju | 5 |
| Ġabra Qasira Eżekuttiva – Id-Direttur Eżekuttiv | 8 |
| Preambolu | 11 |
| Ilmenti | 12 |
| Talbiet għal Informazzjoni | 15 |
| L-Ugwaljanza bejn is-Sessi fil-Kuntest Ewropew | 20 |
| *Gender Mainstreaming* | *26* |
| Proġetti | 33 |
| Sexual Harassment: Code of Practice | 49 |
| Klawsola dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi | 51 |
| Parteċipazzjoni f'Konferenzi/Seminars/Fora | 52 |
| Sehem fil-Media | 64 |
| Taħriġ ta' l-Istaff ta' l-NCPE | 67 |
| Inizjattivi Ambjentali | 71 |
| Deskrizzjoni tal-Qagħda Finanzjarja | 73 |

# Messaġġ

Meta tħares lejn it-tieni rapport annwali tal-Kummissjoni għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza, tara biċ-ċar li sar ħafna xogħol, kif ukoll twettqu bosta proġetti innovattivi matul is-sentejn li ilha teżisti l-Kummissjoni. B'mod kostanti, l-Kummissjoni, tul dan iż-żmien, kisbet reputazzjoni tajba f'kwistjonijiet ta' diskriminazzjoni u fix-xogħol li għamlet biex tqajjem kuxjenza dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi. Matul is-sena li għaddiet, l-irwol u x-xogħol tal-Kummissjoni sar aktar viżibbli, anke fil-livelli bażiċi tas-soċjeta'. Dan jidher ċar permezz taż-żieda fin-numru ta' lmenti u telefonati li tirċievi l-NCPE kif ukoll fil-kuntatti personali li nħolqu mal-pubbliku.

Il-prinċipju ta' *gender mainstreaming* huwa l-għodda ewlenija li l-leġiżlaturi u l-amministraturi għandhom jutilizzaw biex jingħata profil lill-ugwaljanza bejn is-sessi fil-livelli kollha: Sa mill-1999, il-Kabinett kien approva pjan ta' azzjoni favur il-*gender mainstreaming* f'dak li għandu x'jaqsam ma' proġetti u liġijiet. Il-promozzjoni kontinwa li l-NCPE tagħti lil dan il-kunċett qed twassal għal bidliet kostanti u sinifikattivi. L-NCPE innifisha hija minn ta' quddiem nett f'dan it-tentattiv u b'hekk tagħti direzzjoni lill-entitajiet governattivi oħra u sservi bħala eżempju għas-settur privat.

Il-Gvern Malti intrabat bis-sħiħ li juża kull mezz possibli biex jintlaħaq bilanċ bejn in-nisa u l-irġiel fil-livelli tat-teħid tad-deċiżjonijiet, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll dak privat u intrabat ukoll li jippromwovi il-bilanċ bejn iż-żewġ sessi permezz ta' djalogu soċjali. Għalkemm għad fadal ħafna xi jsir - *data* ta' l-UE u n-NU dwar xogħlijiet fil-livelli tat-teħid ta' deċiżjonijiet, turi li Malta għadha lura fl-implimentazzjoni ta' bilanċ bejn is-sessi fil-livelli għolja - iżda żgur li l-NCPE għamlet impatt f'dan ir-rigward. Bħal dejjem l-isterjotipi, id-diskriminazzjoni indiretta, fatturi kulturali u għażliet li uħud jagħmlu fil-ħajja huma ostakli kbar li bil-mod, qed jiġu indirizzati biex ikunu megħluba. Miżuri bħal provvedimenti ta' ċentri ta' kura għat-tfal, kundizzjonijiet tax-xogħol favur il-familja, siegħat imnaqqsa u flessibli, *leave* tal-maternita', *leave* għall-ġenituri, *leave* speċjali u l-kodiċi dwar il-fastidju sesswali, huma lkoll strumenti importanti għall-kisba ta' l-ugwaljanza.

Minbarra l-kisbiet li saru fil-qasam ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi, sar ukoll progress kbir fil-promozzjoni ta' l-anti-diskriminazzjoni u d-diversita' f'sens aktar wiesgħa. L-oqsma varji ta' diskriminazzjoni qed jiġu konkordati flimkien u huwa mistenni li jiġu integrati taħt ir-responsabbilta'

l-NCPE. Il-proġetti ta' l-NCPE għandhom l-għan li jindirizzaw il-bidliet preżenti kif ukoll dawk tal-ġejjieni fis-soċjeta' Maltija, li huma riflessi fit-tendenzi demografiċi. L-NCPE, ġibdet l-attenzjoni għall-ħtieġa li nimxu iktar lil hinn mill-leġiżlazzjoni u politika, u niffukaw aktar fuq l-inklużjoni prattika u l-parteċipazzjoni tal-komunita'; dan il-metodu żgur li jinvolvi sezzjoni ħafna akbar tal-popolazzjoni. Din hija sfida li l-Kummissjoni għamlet lilha nnifisha, iżda jien ninsab ċerta li hija sfida li l-Kummissjoni se jirnexxilha tegħleb.

Nirringrazzja lill-Kummissarju, lill-membri tal-Kummissjoni, lid-Direttur Eżekuttiv, kif ukoll lill-membri kollha ta' l-istaff għad-dedikazzjoni tagħhom u għax-xogħol siewi li wettqu matul din l-aħħar sena. Flimkien, inħarsu 'il quddiem lejn aktar progress fid-direzzjoni li twassal għall-parteċipazzjoni sħiħa tan-nisa u l-irġiel fil-ħajja ekonomija u soċjali tal-pajjiż.

**Dolores Cristina**
**Ministeru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali**
**Jannar 2006**

# Daħla

***Wara sentejn...***

L-affermazzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' Beijing fl-2005, fl-okkażjoni ta' l-għaxar anniversarju, ikkonfermat li t-tisħiħ, kemm tan-nisa kif ukoll ta' l-irġiel huwa bżonjuż biex jinkiseb progress politiku, soċjali, ekonomiku, kulturali u ambjentali. Madankollu, dan jista' jinkiseb biss jekk aħna nifhmu wkoll id-diffikultajiet soċjali u kulturali fil-kuntest lokali. Dan ifisser ukoll li rridu nifhmu l-perspettivi differenti, l-irwoli, l-ħtiġijiet u l-interessi tan-nisa u ta' l-irġiel. Is-soċjeta' Maltija f'dan il-kuntest mhix eċċezzjoni.

Il-kwalitajiet u l-karatteristiċi tas-sessi, fosthom l-irwoli li għandhom l-irġiel u n-nisa kif ukoll dak li huwa mistenni mingħandhom, ivarjaw minn soċjeta' għall-oħra u jinbidlu matul iż-żminijiet. Il-fatt li l-karatteristiċi ta' sess partikolari huma mibnija mis-soċjeta' jfisser li dawn ukoll huma soġġetti għal bidla. Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza (NCPE) ilha taħdem għal dawn l-aħħar sentejn u ġiet stabbilita proprju biex taħdem għall-promozzjoni ta' din il-bidla fis-soċjeta' Maltija.

It-termini ta' referenza ta' l-NCPE, li huma stipulati mil-liġi, huma vasti u jinkludu medda wiesgħa ta' responsabbiltajiet. Fil-fatt hemm 'il fuq minn tnax-il funzjoni fil-lista msemmija fil-liġi li jinkludu fost l-oħrajn:

- l-identifikazzjoni, li tiġi stabbilita u aġġornata kull politika li direttament jew indirettament ikollha x'taqsam ma' kwistjonijiet ta' ugwaljanza għall-irġiel u n-nisa;
- l-identifikazzjoni tal-ħtiġiet ta' persuni li huma żvantaġġati minħabba fis-sess tagħhom;
- il-koordinazzjoni bejn, u li tiġi żgurata l-koordinazzjoni meħtieġa bejn id-dipartimenti tal-gvern u aġenziji oħra;
- li jinżamm kuntatt dirett u kontinwu ma' korpi lokali u esteri;
- li jsiru investigazzjonijiet ġenerali bil-għan li jiġl stabbilit jekk id-disposizzjonijiet tal-liġi jkunux qegħdin jiġu mħarsa;
- li jiġu investigati lmenti, u meta hekk jitqies adatt, li jagħmilha jew tagħmilha ta' medjatur dwar dawk l-ilmenti.

L-NCPE qablet, li għall-perjodu bejn l-2004-2006, tiffoka fuq azzjonijiet prattiċi li jiżguraw li t-twettiq ta' dawn it-termini jkun mibni fuq pedamenti sodi. Tul dawn l-24 xhar, dawn l-azzjonijiet ħadu xejriet varji li permezz tagħhom żguraw li in-nisa u l-irġiel Maltin, hi x'inhi l-pożizzjoni

ekonomika, edukattiva jew soċjali tagħhom jiksbu għarfien dwar l-inizzjattivi li qed tippromwovi u tikkordina l-NCPE u li s-soċjeta' Maltija tista' tipparteċipa fit-twettiq ta' dan it-tibdil.

Il-Kummissjoni irnexxielha wkoll tirbaħ fondi internazzjonali għal proġetti parzjalment finanzjati mill-UE taħt l-FSE u l-EQUAL. L-għan ta' dawn il-proġetti huwa li jgħin biex titwettaq il-bidla billi l-pubbliku Malti jissensibilizza ruħu dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, kif ukoll biex juru li is-soċjeta' Maltija għandha x'tirbaħ mill-promozzjoni ta' din l-ugwaljanza. Ngħidu wkoll b'sodisfazzjon li għadna kif ħadna wkoll proġett iffinanzjat mill-UNESCO li permezz tiegħu se jiġi investigat l-iżbilanċ eżistenti fil-qasam tax-xjenza. Dan il-proġett se jgħin ukoll lis-Sotto-Kumitat dwar ix-Xjenza u Teknoloġija, li ġie stabbilit dan l-aħħar, jidentifika l-elementi li fil-fatt qed jostakolaw li jkun hemm rappreżentazzjoni indaqs, kif ukoll jippromwovi il-qasam xjentifiku bħala opportunita' ta' xogħol għal kullħadd, hu x'inhu s-sess ta' persuna.

Madankollu, l-interazzjonijiet tagħna ma kienux biss fuq livell formali. Irnexxilna wkoll nibnu rapport ma' diversi individwi billi personalment irrispondejna diversi talbiet mingħand nies, l-aktar dawk li sfaw vittimi ta' diskriminazzjoni minħabba s-sess tagħhom. Tressqu diversi proposti konkreti quddiem l-awtoritajiet biex fil-fatt il-proċeduri ta' l-ilmenti jiġu formalizzati permezz ta' Avviż Legali, u biex jiġi żgurat li r-rimedji li tirrakkomanda l-Kummissjoni jiġu nfurzati.

Is-snin li ġejjin se jkunu tisħiħ ta' dan ix-xogħol kontinwu u se jinkludu wkoll żvilupp ta' indikaturi dwar is-sessi f'kuntest lokali, biex b'hekk tkun tista tiġi ssorveljata l-informazzjoni dwar ir-relazzjonijiet bejn nisa u rġiel Maltin, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-aċċess għal, u kontroll fuq riżorsi, benefiċċji u proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet. Se jiġu żviluppati strateġiji u strumenti fil-formulazzjoni ta' arranġamenti ta' xogħol alternattiv, kif ukoll hu maħsub li jsiru studji dwar l-implikazzjonijiet ta' *gender* fuq is-sistema tat-taxxi, is-sigurta' soċjali, u r-raġunijiet li jwasslu għall-ekonomija s-sewda. L-NCPE se tgħin ukoll lill-awtoritajiet biex jiżguraw li l-*gender mainstreaming* isir parti mill-analiżi, formulazzjoni, u sorveljanza tal-*policies*, programmi u proġetti KOLLHA.

Nixtiequ naraw aktar entitajiet jiżviluppaw, jappoġġjaw u jippromwovu proġetti ta' *mentoring* għan-nisa u l-irwol ta' l-irġiel biex titwettaq l-ugwaljanza bejn is-sessi. Jien, personalment nixtieq ukoll naħdem fuq studju li jivvaluta id-dimensjoni ta' *gender* fix-xogħol mhux imħallas u dak volontarju fl-ekonomija Maltija.

L-irwol u r-responsabbiltajiet tagħna ma jispiċċaw qatt u se tkun sfida kontinwa u bla mistrieħ. Għad li r-riżorsi ta' l-NCPE żdiedu f'dawn l-aħħar sentejn, xorta għadu mhux biż-żejjed. Il-membri ta' l-ewwel Kummissjoni li ġiet stabbilita kif ukoll id-Direttur Eżekuttiv u l-membri ta' l-istaff tagħha ħadmu tajjeb ħafna flimkien. Kull membru tal-Kummissjoni kien strumentali fil-formulazzjoni ta' *policies* u strateġiji tul dan iż-żmien, u kull wieħed u waħda minnhom, offrew il-ħiliet rispettivi tagħhom f'kull biċċa xogħol li saret, għad li lkoll għandhom impenji u responsabbiltajiet oħra. Nixtieq nieħu din l-oppportunita' biex nirringrazzjahom wieħed wieħed tax-xogħol dedikat tagħhom matul din is-sena. Fl-aħħar, iżda mhux l-inqas nixtieq nirringrazzja l-istaff ta' l-Ministeru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali u lill-Ministru Cristina għall-appoġġ kontinwu u konsistenti tagħha matul dawn is-sentejn. Bla dubju li hi stess kienet mudell ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi għas-soċjeta' Maltija u żgur li mingħajr l-inkoraġġiment tagħha, ix-xogħol tagħna kien ikun bil-wisq aktar iebes.

**Janet Mifsud,**

**Kummissarju**

**Jannar, 2006**

# Ġabra Qasira Eżekuttiva

*Introduzzjoni*

Wara sentejn li ġiet stabbilita l-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza, nistgħu ngħidu li llum għandna grupp ta' individwi li għaddejjin minn proċess mgħaġġel ta' żvilupp minħabba fin-natura tax-xogħol fi ħdan, fil- jew marbut mal-Kummissjoni. Bosta persuni li użaw is-servizzi li toffri l-Kummissjoni, raw li kienet esperjenza pożittiva għalihom, kif ukoll żdiedet il-kuxjenza dwar dan is-suġġett u rajna wkoll tibdil nazzjonali f'dan il-qasam.

*X'ipproduċejna …*

Is-sena 2005 ma kinitx sena faċli, madanakollu kienet sena interessanti, fis-sens li dak li wettaqna kien ħafna aktar minn dak li kien mistenni. Kienet sena li għenet lill-Membri u lill-istaff jiżviluppaw u jitgħallmu aktar b'rata mgħaġġla.

Matul din is-sena ittieħdu wkoll deċiżjonijiet dwar inizjattivi ġodda u t-tieni Rapport Annwali jagħti informazzjoni dettaljata dwar ix-xogħol li twettaq. Kull opportunita vijabbli li permezz tagħha stajna nagħtu profil akbar lill-ugwaljanza bejn is-sessi f'kuntest lokali, ittieħdet u ħdimna fuqha. Fil-fatt, tul l-2005, l-NCPE kellha ħames proġetti għaddejjin. L-ewwel tlieta huma immexxija mill-NCPE, waqt li fl-aħħar tnejn l-NCPE tifforma parti minn sħubija Ewropea.

Dawn huma:

- *Mainstreaming* ta' l-Ugwaljanza bejn is-Sessi: Id-Direzzjoni għall-Ġejjieni
- Promozzjoni ta' Opportunitajiet Indaqs permezz ta' l-Għotja ta' Aktar Setgħa (Empowerment)
- Ħolqien Ta' Kuxjenza Dwar L-Ugwaljanza Permezz Ta' L-Edukazzjoni
- L-Ugwaljanza Bejn Is-Sessi– Responsabbilta' Taż-Żewġ Sessi
- *Gender News Good News*

Se jiġi varat ukoll proġett ieħor fil-bidu ta' Jannar 2006, din id-darba tal-UNESCO li jismu "Id-Differenza Bejn Is-Sessi Fil-Qasam Tax-Xjenza U Teknoloġija F'Malta" li hu maħsub biex jipprovdi stampa iktar ċara tas-sitwazzjoni reali tax-xjenza f'Malta.

*L-Implimentazzjoni tal-Liġi …*

Waħda mir-responsabbiltajiet prinċipali ta' l-NCPE hija li tiżgura li Att I ta' l-2003 (Kap 456) jiġi implimentat kif suppost. Għal dan il-għan, minbarra s-sorveljanza u l-intervenzjonijiet li l-NCPE tagħmel fuq bażi regolari, il-Kummissjoni tirċievi wkoll ilmenti minn persuni li jħossu li huma vittmi ta' diskriminazzjoni minħabba s-sess jew ir-responsabbiltajiet familjari tagħhom. Is-Sotto-Kumitat ta' l-NCPE li jieħu ħsieb l-ilmenti jiltaqa' b'mod regolari biex jifli l-ilmenti li jidħlu u jagħti pariri dwar l-aħjar direzzjoni li għandhom jitmexxew fiha dawn l-ilmenti. Din is-sena l-NCPE ħejjiet ukoll formola biex jiġi ippreżentat ilment, li tħaffef il-proċess u tgħin lil min ikun qed jilmenta biex jagħraf sewwa l-informazzjoni rilevanti li għandha tingħata dwar l-ilment li jkun qed isir.

L-NCPE tqis li l-Ftehim Kollettiv tas-Servizz Pubbliku jagħti direzzjoni pożittiva ħafna, għal fatt li ittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol li huma ta' għajnuna kbira għal ġenituri li jridu jlaħħqu wkoll ma' uliedhom, kif ukoll jieħdu ħsieb ġenituri anzjani. Fil-fatt bosta mill-ilmenti li tressqu quddiem il-Kummissjoni, ġew minn impjegati tas-Servizz Pubbliku li kienu qed isibuha diffiċli li jsibu bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u dik familjari. F'dan il-Ftehim Kollettiv, fil-fatt intlaqgħu bosta mir-rakkomandazzjonijiet li għamlet l-NCPE. Ovvjament, mhux qed ngħidu li dan it-tibdil twettaq bil-ħila tagħna biss, imma żgur li x-xogħol tagħna għen biex l-affarijiet jimxu lejn id-direzzjoni t-tajba. Fil-fatt ta' min jgħid li twettaq xogħol importanti ħafna b'kollaborazzjoni ma' l-MPO f'dan ir-rigward.

Waqt li l-NCPE hi kuntenta ħafna bit-titjib li sar fil-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' l-impjegati tas-Servizz Pubbliku, għadha inkwetata bis-sitwazzjoni ta' ċerti entitajiet fis-settur privat. L-NCPE qed tirsisti ħafna biex tagħti messaġġ ċar li titjib fl-arranġamenti tax-xogħol ikunu ta' vantaġġ għal kull min huwa involut, b'mod speċjali min iħaddem, minħabba l-fatt li hemm ċans kbir li l-impjegati jkunu ħafna aktar leali lejn kumpaniija li tifhem is-sitwazzjoni personali tagħhom. Għalkemm hemm riċerka xjentifika li tipprova dan, għad hawn min, avolja iċ-ċirkustanzi tax-xogħol jippermettu li jsir titjib, għadu ma żviluppax kundizzjonijiet ta' xogħol alternattivi biex jimmonopolizza l-ICT u għodod oħra għal bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-familja. L-NCPE se tibqa' tisħaq dwar l-importanza ta' dawn l-inizzjattivi.

*Direttivi ta' l-UE …*

Matul l-2005, il-Kummissjoni tat is-sehem tagħha b'mod dirett f'mill-inqas għaxar Proposti, Deċiżjonijiet jew Komunikazzjonijiet tal-Parlament Ewropew. Dan għen biex l-NCPE tikseb l-esperjenza dwar kif jaħdmu il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea. Dan il-kuntatt dirett għen ukoll lill-Kummissjoni tagħraf ir-realta' tal-pożizzjoni ta' Malta fil-kuntest

Ewopew u b'hekk tat is-sehem tagħha wkoll biex din ir-realta' tinftiehem aktar u biex jiġi ikkunsidrat l-effett tad-deċiżjonijiet Ewropej fuq ekonomiji żgħar.

L-attendenza ta' l-NCPE f'laqgħat kemm lokali kif ukoll barra minn Malta, wessgħu l-għarfien tal-Kummissjoni iżda barra minn dan swiet ukoll għal għarfien akbar ta' Malta bħala pajjiż. L-NCPE tat is-sehem tagħha f'ħafna diskussjonijiet, li wara swew biex ittieħdu deċiżjonijiet importanti li ħarġu minn dan is-sehem. L-informazzjoni li nġabret u ngħatat waqt dawn il-laqgħat kif ukoll il-fatt li dawn saru fuq bażi ugwali kien proċess ta' maturita għal kull min kien involut.

Se nieħu wkoll din l-okkażjoni biex nirringrazzja lill-Kummissarju, lill-Membri tal-Kummissjoni kif ukoll lill-membri ta' l-istaff li, mingħajr is-sehem tagħhom ma kienx iseħħ dak kollu li nkiseb u dan ir-rapport ma kienx isir.

L-NCPE tħares 'il quddiem lejn sena promettenti, mgħammra b'aktar esperjenzi, taħriġ u b'*budget* akbar li se jgħinu biex ikollna riżultati aħjar. L-2006 se tkun sena li fiha l-NCPE se tidher ħafna aktar, ix-xogħol bażiku tlesta, għalhekk issa huwa ż-żmien li naraw riżultati aktar fil-beraħ.

**Sina Bugeja**
**Direttur Eżekuttiv**
**Jannar 2006**

## PREAMBOLU

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza (NCPE) iltaqgħet 10 darbiet matul l-2005 u ħadmet bis-sħiħ skond it-termini ta' riferenza stabbiliti fl-Att dwar l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel (2003). Matul dawn il-laqgħat, l-NCPE iddiskutiet strateġiji u *policies*, li wara ġew implimentati permezz ta' l-id eżekuttiva tal-Kummissjoni. Ġew ippreżentati numru ta' rapporti dwar ħafna attivitajiet u laqgħat li saru matul is-sena. L-istaff u l-membri tal-Kummissjoni taw ukoll is-sehem tagħhom fit-tħejjija ta' rapporti ta' dokumenti ta' l-UE u nazzjonali, kif ukoll taw preżentazzjonijiet lil entitajiet varji bħal per eżempju lill-Kumitat ta' l-Affarijiet Soċjali tal-Parlament u organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs). Il-Kummissjoni ġiet ukoll mistiedna tattendi f'numru ta' konferenzi fuq livell nazzjonali kif ukoll internazzjonali.

L-NCPE qegħda wkoll tagħti suġġerimenti bl-għan li tingħata importanza lill-kuntest ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-emendi għall-Att tas-Sigurta' Soċjali, li qed jitħejjew bħalissa mill-Ministeru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali [MFSS]. Barra minn hekk permezz ta' kollaborazzjoni ma' dipartimenti u entitajiet tal-Gvern, qed jiġu indirizzati wkoll, b'mod kontinwu, r-rekwiżiti marbuta ma' l-ugwaljanza bejn is-sessi li intalbu fl-Agenda ta' Lisbona u l-Pjan ta' Żvilupp Malti għall-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali. Qed isir ukoll eżerċizzju fejn qed tiġi analizzata l-Liġi ta' Malta, kif ukoll formoli uffiċċjali biex dawn jiġu addattati għaż-żewġ sessi u b'hekk tinqered kull forma ta' diskriminazzjoni miktuba, b'mod speċjali fin-nomenklatura użata.

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza (NCPE) illum qegħda fit-tieni sena tagħha b'Dr Janet Mifsud bħala Kummissarju, u Ms Grace Attard, Dr Miriam Camilleri, Mr Mario Mallia, Dr Myriam Spiteri Debono, Rev Dr Vanni Xuereb and Mr Winston J Zahra bħala membri.

L-NCPE kellha x'tagħmel ħafna matul dawn l-aħħar tnax-il xahar, fejn saru ħafna laqgħat mal-varji ministeri, dipartimenti, organizzazzjonijiet pubbliċi u privati, organizzazzjonijiet tal-Knisja u NGOs fejn ġie diskuss il-kunċett ta' l-ugwaljanza fid-dettall, skond is-sitwazzjoni partikolari. L-NCPE ħadmet ukoll bis-sħiħ biex jiġu organizzati laqgħat u taħriġ dwar l-istess suġġett. Dawn u ħafna affarijiet oħra huma ippreżentati f'aktar dettall fil-paġni li ġejjin.

Id-Direttur Eżekuttiv ta' l-NCPE hija Ms Sina Bugeja, waqt li Mr Silvan Agius, Mr Johann Caruana, Ms Gertrude Farrugia, Ms Sylvana Galea, Mr Brian Galea, Ms Antoniella Gatt, Ms Maria Grima, Dr Roberta Lepre and Mr Robert Micallef huma l-membri ta' l-istaff.

# L-Ilmenti

Waqt l-2005, is-Sotto-Kumitat li jieħu ħsieb l-ilmenti ltaqa' tnax-il darba. F'numru sostanzjali minn dawn il-laqgħat, l-NCPE kellha sessjonijiet sħaħ, fejn iltaqgħet ma' bosta persuni involuti f'każi varji, inkluż dawk ta' diskriminazzjoni minħabba s-sess u fastidju sesswali, biex tikseb informazzjoni u tasal għal konklużjonijiet tagħha, dejjem skond il-proċeduri. Il-Kummissjoni tagħmel ħilitha biex tiġi assigurata l-kunfidenzjalita' ta' kull min ikun involut f'xi ilment u biex informazzjoni dwar każi ta' fastidju sesswali u/jew diskriminazzjoni tibqa' kunfidenzjali bla ma jkun kompromess l-andament ta' l-istħarriġ li jkun qed isir. Fil-fatt l-informazzjoni tiġi mogħtija biss lil kull min ikun direttament involut fil-każ.

Matul is-sena 2005, il-Kummissjoni irċeviet 55 ilment. Dawn l-ilmenti waslu minn sorsi differenti. L-iktar li daħlu ilmenti kienu mill-pubbliku, mingħand ħaddiema li jaħdmu kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, kif ukoll minn aġenziji mhux governattivi (NGOs) li jaħdmu fil-qasam ta' l-ugwaljanza.

Barra minn dawn, il-Kummissjoni kompliet ix-xogħol fuq ilmenti li waslu matul is-sena 2004 u li kienu jirrikjedu żmien ferm itwal milli soltu jieħdu ilmenti oħra, minħabba n-natura tal-każi partikolari, li ħafna drabi kienu jinvolvu numru ta' diskussjonijiet ma' entitajiet oħra. Madankollu nistgħu ngħidu li prattikament il-każi kollha li nfetħu fl-2004 illum huma lkoll magħluqa.

Ta' min jinnota li numru sostanzjali mill-ilmenti li rċeviet il-Kummissjoni, kemm fl-2004 kif ukoll fl-2005, waslu mingħand impjegati tas-Servizz Pubbliku li lmentaw dwar:

- Il-limitazzjoni tal-miżura tas-siegħat imnaqqsa li jittieħdu minn ġenituri ta' tfal ta' anqas minn tmien snin. Fil-fatt ħafna talbu li din tiġi estiża sakemm it-tfal ikollhom tnax-il sena;
- Il-miżura ta' *leave* għall-ġenituri, li kienet tirrikjedi li bilfors il-ġenituri jagħmlu sena sħiħa (mhux parti minn sena) barra mix-xogħol fuq dan il-*leave*;
- Każi ta' fastidju sesswali;
- Diskriminazzjoni fl-għotja ta' *leave* għall-adozzjoni.

Wara bosta laqgħat u korrispondenza fejn il-Kummissjoni, flimkien ma' entitajiet oħra tkellmet dwar dawn l-ilmenti, rat b'sodisfazzjon li fil-Ftehim Kollettiv 2005 - 2010 għall-ħaddiema tas-Servizz Pubbliku, il-proposti li għamlet dwar l-ilmenti msemmija, ġew milqugħin u ttieħdet azzjoni dwarhom biex b'hekk ġew fis-seħħ aktar miżuri favur il-familja għall-uffiċċjali pubbliċi kollha. Dan il-Ftehim Kollettiv daħħal ukoll miżuri li jagħtu importanza lill-flessibilita' fuq il-post tax-xogħol, li permezz tagħha, l-ġenituri, fost oħrajn, ikunu jistgħu joħolqu bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja familjari tagħhom.

Matul din is-sena ġiet imtejba il-proċedura li biha l-Kummissjoni timxi fuq l-ilmenti li tirċievi. Għalhekk, ġiet żviluppata formola standard biex persuna tressaq l-ilment tagħha quddiem il-Kummissjoni. Din il-formola tħaffef ħafna aktar il-proċess li bih persuna tista' tilmenta għal fatt li fil-formola jintalbu d-dettalji kollha neċessarji b'mod korrett, sempliċi u mexxej, biex l-ilment jiġi ipproċessat mill-NCPE.

**Fastidju Sesswali**

Din is-sena is-Sotto-kumitat għall-Ilmenti intervjena għal darba oħra, f'numru sostanzjali ta' każijiet ta' fastidju sesswali. Fil-fatt l-NCPE intervjeniet fuq każi fejn il-fastidju sesswali kien minn persuna fuq persuna oħra. Barra minn hekk, il-Kummissjoni daħlet ukoll f'każijiet fejn il-fastidju sesswali inħoloq minħabba li kienet aċċettata l-imġieba mhux xierqa ta' bosta persuni fl-istess post tax-xogħol, biex b'hekk inħoloq ambjent ta' xogħol ostili lejn kull min ma jaċċettax jew jiddejjaq b'dan l-atteġġjament.

**Oħrajn**

L-NCPE irnexxielha wkoll tikseb riżultati sodisfaċenti dwar ilmenti li tressqu mill-pubbliku fuq reklamar diskriminatorju u wkoll fuq elementi diskriminatorji u offensivi fi programmi li dehru fuq il-media lokali inkluż stazzjonijiet televiżivi, radju, avviżi f'ġurnali kif ukoll fuq l-internet. Barra minn hekk, l-NCPE għenet ukoll bosta ġenituri li talbu l-intervent tagħha minħabba li bil-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom kienu qed isibuha diffiċli biex ilaħħqu max-xogħol u mar-responsabbiltajiet familjari tagħhom. Il-Kummissjoni fil-fatt irnexxiela twitti t-triq ma' persuni li jħaddmu, biex jagħżlu li jimplementaw miżuri ta' flessibilita' għall-impjegati tagħhom, u fl-istess waqt jieħdu ħsieb ukoll l-eżigenzi tal-post tax-xogħol.

Minbarra dan li semmejna, l-NCPE ħadmet bis-sħiħ matul din is-sena kollha, bil-għan li tintroduċi miżuri ta' flessibilita fis-settur privat. Sal-lum ir-riżultati ta' dan kienu inċerti, u jista jingħad li għad

fadal ħafna xogħol xi jsir biex dawn il-miżuri jkunu implimentati b'mod effettiv fis-setturi kollha tas-suq tax-xogħol u mhux biss fis-settur pubbliku. Dawn it-tip ta' miżuri mhux biss jgħinu lill-impjegati biex joħolqu bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-familja, iżda, studji juru li l-introduzzjoni ta' aktar flessibilta' twassal ukoll għal produttivita' aħjar fix-xogħol minħabba li l-motivazzjoni u l-lealta' ta' l-impjegati lejn min iħaddimhom ikunu akbar u fl-istess ħin min iħaddem jinduna li f'ħafna ċirkostanzi l-introduzzjoni ta' dawn il-miżuri ssarraf fi profitt għall-kumpanija.

Proposta oħra li għamlet l-NCPE u li ntlaqgħet kienet dik ta' l-emendi għall-Ordinanza dwar iċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata, li saret wara numru ta' lmenti li rċeviet il-Kummissjoni. Fil-fatt sa ftit xhur ilu din il-liġi kienet tagħti lok għal diskriminazzjoni bejn is-sessi. Wara l-intervent ta' l-NCPE, din il-liġi ġiet emendata u din id-diskriminazzjoni tneħħiet.




Għalkemm uffiċjalment l-NCPE intervjeniet fuq 55 ilment, numru ferm akbar ta' individwi ingħataw għajnuna mill-Kummissjoni, iżda dawn il-każijiet ma wasslux għal ilment uffiċjali.

## Talbiet għall-Informazzjoni

Matul l-aħħar sena, il-Kummissjoni rċeviet madwar 150 talba għal informazzjoni ta' gradi differenti, dwar suġġetti, li jinkludu:

- miżuri favur il-familja (*leave* tal-maternita', siegħat imnaqqsa, *leave* għall-ġenituri, *flexitime*)
- provvedimenti fil-liġijiet ta' Malta dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi
- rappreżentanza ta' nisa u rġiel f'bordijiet u kumitati governattivi
- il-proċedura ta' l-NCPE biex jitressaq ilment
- l-Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa
- kundizzjonijiet ta' xogħol
- drittijiet tan-nisa
- provvedimenti ta' sigurta' soċjali
- fastidju sesswali
- ugwaljanza fl-aċċess għall-korsijiet edukattivi
- il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-qasam politiku
- twaqqif ta' ċentri għall-kura tat-tfal
- teżijiet dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi
- id-direttorju tan-Nisa Professjonali Maltin
- razziżmu
- statistika
- vjolenza domestika
- publikazzjonijiet u *leaflets* varji

L-informazzjoni ntalbet minn: ħaddiema mis-Settur Pubbliku, Ministeri, il-*focal points* għall-ugwaljanza fil-Ministeri, studenti universitarji u studenti minn skejjel sekondarji, NGOs, u l-pubbliku in ġenerali.

**Mistoqsijiet Parlamentari**

Matul is-sena 2004, l-NCPE irrispondiet sebgħa u għoxrin (27) Mistoqsija Parlamentari, li kienu dwar:

- *Assistant/support care workers* impjegati ma' entitajiet governattivi
- Azzjonijiet Industrijali
- *Danger allowance* mogħtija lill-impjegati
- Flus li ntefqu fuq l-ospitalita'
- Għotjiet lill-NGOs
- *Green Leaders*
- Ħaddiema
- Ħatra mill-ġdid ta' Diretturi
- Ħlas u benefiċċji taċ-*Chairperson* u Direttur
- il-paga tal-Kap Eżekuttiv
- Impjegati li utilizzaw is-servizzi li jingħataw mill-Aġenzija SEDQA
- Kiri/Xiri ta' karozzi
- Konsulenti
- Kontijiet tat-telefon
- Korrimenti fuq il-post tax-xogħol
- L-amministrazzjoni ta' fondi ta' l-UE
- *Mobile Phones*
- Passi dixxiplinarji li ttieħdu fuq l-impjegati
- Proġetti ffinanzjati mill-UE
- Safar
- Studenti li ħadmu matul ix-xhur tas-sajf
- *Support Line*

L-informazzjoni li ntalbet, ingħatat dejjem fiż-żminijiet stipulati.

**Kwestjonarji u *Surveys***

Matul l-2005, l- NCPE irrispondiet ukoll ghal numru ta' kwestjonarji minn entitajiet varji, kemm lokali kif ukoll barranin, dwar medda wiesgħa ta' suġġetti li jinkludu fost oħrajn:

- Il-progress ta' Malta fil-kuntest tal-*Millenium Development Goals*,
- Vjolenza fuq in-nisa, inkluż vjolenza domestika,
- Offiżi ta' natura sesswali, inklużi delitti tal-gwerra
- Tendenzi demografiċi Ewropej
- Protezzjoni ta' l-Informazzjoni

**Il-Librerija**

Matul l-2005, kien hemm bosta persuni li utilizzaw il-librerija ta' l-NCPE kemm permezz tas-self ta' kotba u ġurnali kif ukoll billi ħadu kopji ta' partijiet minn materjal li jinstab fil-librerija skond is-suġġetti relatati mar-riċerka tagħhom. L-iktar li sselfu kotba kienu dwar vjolenza domestika, drittijiet tal-bniedem, ugwaljanza bejn is-sessi fil-kuntest tal-media, nisa fis-suq tax-xogħol, politika u fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol. Matul din is-sena iddaħħlu fil-librerija 230 publikazzjoni ġdida. Bħalissa fil-librerija b'kollox hemm 5571 dokument, li jinkludu kotba, ġurnali u artikli dwar suġġetti varji iżda li l-maġġoranza tagħhom jiffukaw fuq letteratura relatata ma' kwistjonijiet ta' *gender*. Min jixtieq ikollu aċċess għall-librerija, jista' jagħmel dan permezz ta' l-Internet. Għalhekk, min jixtieq jara l-librerija *online* irid japplika għal e-ID mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali jew xi fergħa ta' dan id-Dipartiment f'kull lokalita', jew inkella minn xi Kunsilli Lokali li wkoll joffru din il-faċilita'. Permezz ta' dan l-e-ID, min japplika jkollu aċċess għal kull tip ta' servizz li huwa mogħti *online* mill-Ministeru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali.

**Website**

Fl-2005, l-NCPE rat il-bżonn li jkollha *website* ġdida li tkun "*user-friendly*", biex iżżid l-aċċessibilta' tal-pubbliku u entitajiet oħra għas-servizzi li toffri l-Kummissjoni. F'dan is-sit l-pubbliku jkollu aċċess għal informazzjoni dwar il-Kummissjoni, is-servizzi offruti u l-proġetti li taħdem fuqhom l-NCPE. Barra minn dan, din il-*website* se tipprovdi wkoll *links* li permezz tagħhom il-pubbliku jista' jitlob informazzjoni b'mod faċli.

Il-*website* hija maqsuma f'diversi fergħat li jinkludu:

- *Dwarna*

  F'din il-parti se jkun hemm informazzjoni dwar il-Kummissjoni innifisha, min huma l-membri, l-Iskop u l-Għanijiet tax-xogħol tal-Kummissjoni

- *Servizzi*

  Din is-sezzjoni tipprovdi informazzjoni dwar is-servizzi li huma offruti mill-NCPE bħal per eżempju l-għotja ta' informazzjoni u aċċess għall-librerija. Barra minn hekk, f'din il-parti wkoll, se jkun hemm informazzjoni dwar il-proċedura li tħaddan il-Kummissjoni, meta tirċievi l-ilmenti kif ukoll se jkun hemm il-formola li permezz tagħha persuna tista' tressaq ilment quddiem l-NCPE.

- *Quality Service Charter*

  Din il-parti tipprovdi informazzjoni dwar kif persuna tista' tagħmel kuntatt ma' l-NCPE u l-proċeduri li tuża l-Kummissjoni f'każ ta' talb għal informazzjoni jew preżentazzjoni ta' ilment.

- *Riżorsi*

  F'din is-sezzjoni persuna tista' taċċessa u tniżżel dokumenti varji inkluż ir-Rapporti Annwali tal-Kummissjoni kif ukoll dokumenti bħal Sexual *Harassment – A Code of Practice*.

- *Liġijiet*

  Il-liġijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-ugwaljanza huma miġbura lkoll f'din il-parti fejn jistgħu jiġu użati mill-pubbliku.

- *Proġetti*

  Il-parti dwar il-proġetti se jkun fiha deskrizzjoni qasira ta' kull proġett u l-istadju li l-NCPE tkun waslet fih fit-twettiq ta' kull proġett. Waqt il-proċess li jkun qed isir proġett, se jiġu żviluppati *links* għas-siti ta' l-imsieħba fil-proġett.

- *Fil-Media*

  Din is-sezzjoni se jkun fiha arkivju tal-kontribuzzjonijiet tal-Kummissjoni fil-media bħal per eżempju artikli u ittri li jintbagħtu lill-gazzetti.

- *Ikkuntattjana*

  F'din il-paġna nsibu formola *online* li tipprovdi mezz ieħor kif il-pubbliku jista' jikkomunika ma' l-NCPE mill-Internet. Insibu wkoll il-mezzi l-oħra kollha kif persuna tista' tagħmel kuntatt mal-Kummissjoni.

- *Links*

  Din is-sezzjoni tinkorpora ammont ta' *links* ta' nteress dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi li jinkludu: *link* dwar l-użu ta' lingwaġġ newtrali, *links* għal aġenziji internazzjonali oħra li jippromwovu l-ugwaljanza kif ukoll *links* għad-Direttivi ta' l-UE li jittrattaw l-ugwaljanza.

Kull paġna tal-*website* fiha is-sentenza “Kull xogħol jista’ jsir kemm min-nisa kif ukoll mill-irġiel”. Dan sabiex jitwassal messaġġ li fl-aħħar mill-aħħar is-sess m’għandux x’jaqsam mal-kapaċitajiet li jkollu l-individwu.

NCPE

# L-Ugwaljanza fil-Kuntest ta' l-UE

Matul l-2005, il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta’ l-Ugwaljanza (NCPE) tat il-kontribuzzjoni tagħha għal numru ta' proposti magħmula minn fergħat ta' l-UE. Barra minn dan, l-NCPE ippreparat u ppreżentat Memoranda u Noti ta' Istruzzjoni li indikaw il-pożizzjoni li kellha taddotta Malta fil-laqgħat ta' kumitati varji. Ix-xogħol li twettaq mill-NCPE f'dan il-qasam tul l-2005 kien jinkludi l-preparazzjoni għad-diskussjonijiet dwar id-dokumenti li ġejjin:

1. **Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/51/KE li tistabbilixxi Programm rigward qafas ta' strateġiji tal-Komunita' dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u Deċiżjoni Nru. 848/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi Programm ta' Azzjoni Komunitarja sabiex jippromwovi organizzazzjonijiet attivi fuq livell Ewropew fil-qasam ta' l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa.**

Il-Programm ta' Azzjoni Komunitarja rigward Qafas ta' Strateġiji tal-Komunita' dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2001-2005), il-ħames programm ta' azzjoni f'dan il-qasam, ġie addottat mill-Kunsill nhar l-20 ta' Diċembru 2000 biex jgħodd mill-1 ta' Jannar 2001 sa l-31 ta' Diċembru 2005. Dan issaħħaħ il-Programm ta' Azzjoni Komunitarja rigward il-qafas ta' strateġiji għall-ugwaljanza bejn is-sessi (2001-2005). Programm ieħor ta' Azzjoni Komunitarja bil-għan li jippromwovi organizzazzjonijiet attivi fil-livell Ewropew fil-qasam ta' l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel ġie mwaqqaf fid-29 t'April 2004 mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill. Dan il-Programm jgħodd mill-1 ta' Jannar 2004 sa l-31 ta' Diċembru 2005 b'*budget* ta' 2.2 miljun Ewro. Iż-żewġ Programmi jingħalqu flimkien fi żmien ta' bidliet kbar fil-kostruzzjoni u funzjoni tat-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea. Il-proposta għall-Parlament Ewropew u l-Proposta għal Deċizjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-finanzjar ta' azzjonijiet fil-qasam ta’ l-impjiegi u dak soċjali ser ikopru il-perjodu għall-perspettivi finanzjarji ġodda, jiġifieri mill-2007 sa l-2013. Għaldaqstant, għall-perjodu tranżitorju sakem jiġi adottat il-Programm ta' Qafas ġdid skond il-kriterji deskritti hawn fuq, kien hemm il-ħtieġa li tiġi żgurata l-kontinwita' ta' l-assistenza Komunitarja għall-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi, u li jiġi evitat tfixkil tal-mekkaniżmu li qiegħed attwalment jappoġġja l-għanijiet ta' Artiklu 13 tat-Trattat tal-KE. Għalhekk il-prinċipji u l-għanijiet, kif ukoll l-oqsma ta' intervent tal-istrateġija ta' qafas Komunitarju dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, li jaqblu ma' dawk

stipulati fid-Deċiżjoni 2001/51/KE u l-Anness tiegħu, għandhom jibqgħu validi għal din is-sena tranżitorja.

***2.* Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabilixxi Programm Komunitarju għall-Impjiegi u s-Solidarjeta' Soċjali (PROGRESS)**

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi Programm Komunitarju għall-Impjiegi u s-Solidarjieta' Soċjali, imsemmi PROGRESS, li jagħti appoġġ finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' l-għanijiet ta' l-Unjoni Ewropea fil-qasam ta' l-impjiegi u l-politika soċjali, b'hekk jikkontribwixxi għall-kisba tal-miri ta' l-Istrateġjija ta' Lisbona f'dawn l-oqsma. Dan il-programm ser ikopri l-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013.

***3.* Rapport mill-Kummissjoni għall-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ewropew għall-Affarijet Soċjali u Ekonomiċi, u l-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel.**

Dan ir-rapport jirreferi għall-bidliet demografiċi fil-kuntest ta' popolazzjoni li qed tixjieħ u n-numru ta' ħaddiema li kull ma jmur qiegħed jonqos, li qed ikomplu joħolqu sfidi kbar fi ħdan l-Unjoni Ewropea wara l-aħħar tkabbir. Jidher li t-tensjoni sabiex tiġi abbinata l-ħajja professjonali ma' dik familjari, anki minħabba nuqqas ta' ċentri ta' kura tat-tfal u ta' nuqqas fil-flessibilita' tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, qed tikkontribwixxi għall-postponiment tat-twelid ta' l-ewwel tarbija u rati ta' fertilita' baxxi fil-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri. Madanakollu, l-esperjenza turi illi dawk l-Istati Membri li għandhom politika komprensiva għar-rikonċiljazzjoni bejn il-ħajja tax-xogħol u dik familjari, kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa, għandhom rati ta' fertilita' għola u rati għola ta' nisa li jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol.

Ir-rapport għaldaqstant jgħid li l-integrazzjoni ta' dimensjoni tal-*gender* fl-oqsma kollha tal-politika għandha tgħin għall-kisba ta' l-għanijet ta' Lisbona. Hemm il-ħtieġa għal inizjattivi ġodda sabiex jiżdied l-imjpieg biex inkunu nistgħu niffaċċjaw l-isfidi ta' populazzjoni li qed tixjieħ, inkluż il-provvista' ta' pensjonijiet adekwati għan-nisa u l-irġiel. Għandha tingħata attenzjoni partikulari sabiex jiġi mobilizzat il-potenzjal sħiħ ta' l-impjieg tan-nisa u sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol minn nisa akbar u nisa immigranti, li għandhom l-aktar rati baxxi ta' impjieg.

**4. Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi.**

B'konformita' ma' l-għanijiet ta' l-Aġenda Soċjali, il-Kunsill Ewropew irrikonoxxa l-ħtieġa għall-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' żieda fl-għarfien pubbliku, żieda fil-kontribut tar-riżorsi u l-promozzjoni ta' l-iskambju ta' esperjenza bejn l-Istati Membri. F'dan il-kuntest, l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi qiegħed jitqies ta' importanza ewlenija għall-kisba ta' dawn il-miri.

Għaldaqstant, din il-Proposta hija r-riżultat ta' numru ta' diskussjonijiet u l-iżviluppi li segwew. Il-proposta tqis ukoll il-konklużjonijiet ta' evalwazzjonijiet riċenti dwar il-funzjoni ta' aġenziji oħra komunitarji, b'mod partikolari dawk fl-oqsma ta' interess soċjali.

**5. Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju tat-trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess u l-provvista ta' oġġetti u servizzi.**

Waqt il-Kunsill Ewropew ta' Nizza fis-sena 2000, il-Kapijiet ta' Stat u Gvernijiet sejħu għall-infurzar tad-drittijiet relatati ma' l-ugwaljanza bejn is-sessi, *inter alia*, billi addottaw Direttiva, ibbażata fuq Artikolu 13 tat-Trattat tal-KE, dwar il-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi f'oqsma oħra minbarra dawk ta' l-Impjiegi u l-ħajja professjonali.

Fil-5 ta' Novembru 2003, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva tal-Kunsill li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel fl-aċċess u l-provvista' ta' oġġetti u servizzi. Din id-Direttiva kellu jkollha l-għan li tikkumplimenta l-leġiżlazzjoni li kienet diġa' applikabbli sabiex tikkumbatti d-diskriminazzjoni fuq bażi tas-sess fil-qasam ta' l-impjiegi u, għall-ewwel darba, kellha twessa' l-prinċipju ta' trattament ugwali f'oqsma oħra minbarra dak tax-xogħol. Il-Kummissjoni ddeċidiet li tirrispondi għat-talba tal-Kunsill Ewropew ta' Nizza f'dak li kellu x'jaqsam ma' oqsma mhux relatati ma' l-impjieg, bi strateġija li tħaddan metodu li jimxi pass wara pass, biex b'hekk l-adozzjoni ta' din id-Direttiva kienet l-ewwel pass f'din id-direzzjoni.

F'dan ir-rigward, din is-sena l-NCPE analizzat metodi ta' kif din id-Direttiva tista' tiġi integrata fil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

## 6. Rivista ta' l-Implimentazzjoni mill-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet Ewropej ta' Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing

Il-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, li ġiet addottata b'konsensus waqt ir-raba' Konferenza Dinjija dwar in-Nisa tan-NU f'Beijing fl-1995, issejjaħ fuq il-Gvernijiet, il-komunita' internazzjonali u s-soċjeta' ċivili sabiex jieħdu miżuri strateġiċi fir-rigward tat-tnax-il qasam kritiku ta' tħassib: in-nisa u l-faqar; l-edukazzjoni u t-taħrig tan-nisa; in-nisa u s-saħħa; il-vjolenza fuq in-nisa; nisa f'kunflitti b'armamenti; in-nisa u l-ekonomija; nisa fil-poter u t-teħid tad-deċiżjonijiet; mekkaniżmi istituzzjonarji għall-avvanz tan-nisa; drittijiet umani tan-nisa; in-nisa u l-*media*; in-nisa u l-ambjent; u l-bniet.

Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea saħaq fuq l-importanza tat-tisħiħ tar-rabta bejn l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni għall-Eliminazzjoni ta' kull forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa u l-Protokol relattiv, il-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, il-Programm ta' Azzjoni ta' Kajr, id-Dikjarazzjoni ta' Copenhagen u l-Programm ta' Azzjoni relattiv, id-Dikjarazzjoni tal-Millenju u l-miri ta' Żvilupp tal-Millenju, kif ukoll fuq il-ħtieġa li fuq livell Ewropew nersqu lejn dawn l-għanijiet b'metodu ċar u konsistenti.

Għalhekk, il-Kunsill enfasizza fuq l-iStati Membri u l-Kummissjoni sabiex jiżguraw illi d-Dikjarazzjoni ta' Beijing u l-Pjattaforma ta' Azzjoni relattiv, kif ukoll il-Programm ta' Azzjoni ta' Kajr, jiġu integrati b'mod sħiħ fil-preparazzjoni u l-konkluzjonijiet tas-*Summit* ta' Settembru, u li tiġi integrata b'mod sħiħ il-perspettiva ta' differenzi tas-sessi fir-rivista ta' livell għoli tad-Dikjarazzjoni tal-Millenju sabiex b'hekk is-setgħa tan-nisa tiġi msaħħa u l-Għanijiet ta' l-Iżvilupp tal-Millenju jintlaħqu.

## 7. Komunikazzjoni mill-Kummissjoni bejn: il-Kunsill, il-Parlament Ewropew, Il-Kumitat Ewropew għall-Affarjiet Ekonomiċi u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni: l-anti-diskriminazzjoni u l-Opportunitajiet indaqs għall-Kulħadd - Strateġija ta' Qafas'

Din il-komunikazzjoni tqiegħed strateġija li tħares 'il quddiem sabiex ikun hemm promozzjoni ta' ugwaljanza u opportunitajiet indaqs għall-kulħadd fl-UE, irrispettivament mir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew twemmin, l-eta', diżabbilita' u l-orjentazzjoni sesswali.

Għaldaqstant il-komunikazzjoni tqis ir-riżultati ta' konsultazzjoni pubblika mwettqa mill-Kummissjoni fl-2004, fuq bażi ta' *Green Paper* dwar l-ugwaljanza f'UE mkabbra. Tibni fuq esperjenza miksuba fuq livell Ewropew sa mill-introduzzjoni ta' bażi legali speċifika fl-1999 (Artiklu

13 TKE) li tagħti l-poter lill-Komunita' sabiex tieħu azzjoni kontra d-diskriminazzjoni fuq bażi tas-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew twemmin, l-eta', diżabbilita' u l-orjentazzjoni sesswali. Din l-istrategjija tqis ukoll ir-riżultati ta' nurmu ta' studji li saru f'dan il-qasam għan-nom tal-Kummissjoni Ewropea, l-iStati Membri, is-soċjeta' ċivili u organizazzonijiet internazzjonali oħra.

**8. Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Sena Ewropea għall-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd (2007) - Lejn Soċjeta' Ġusta**

Fil-komunikazzjoni *"Working together for growth and jobs - a new start for the Lisbon strategy"*, il-Kummissjoni uriet l-importanza illi *"renewed growth is vital to prosperity, can bring back full employment and is the foundation of social justice and opportunity for all"*.

Il-Kummissjoni saħqet ukoll li jkun diffiċli li jintlaħqu l-għanijiet ta' Lisbona jekk gruppi kbar tal-popolazzjoni ta' l-UE jiġu esklużi mill-impjiegi, it-taħriġ u opportunitajiet oħra. L-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni hija element important sabiex inkunu nistgħu ngawdu mill-benefiċċji tad-diversita' u għall-iżvilupp ta' ekonomija u soċjeta', aktar kompetittiva u dinamika.

Għaldaqstant saret il-proposta biex is-sena 2007 tissejjaħ is-Sena Ewropea għad-Drittijiet Indaqs għal Kulħadd. Is-sena Ewropea tirrispondi għal waħda mill-akbar sfidi identifikati fir-rispons għall-*Green Paper* tal-Kummissjoni *Equality and non-discrimination in an enlarged EU*. Il-maġġoranza kbira tal-kontribuzzjonijiet sejħu għal aktar tkattir ta' għarfien, sabiex jiġu indirizzati attitudinijiet u aġir diskriminatorju, u biex in-nies tiġi infurmata dwar id-drittijiet u l-obbligi legali. L-oġġettiv globali tas-Sena għandu jkun li jogħla l-għarfien tal-benefiċċji tas-soċjeta' aktar ġusta u magħquda fejn ikun hemm ugwaljanza għal kulħadd. Dan jirrikjedi l-eliminazzjoni ta' ostakli għall-parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjeta' u l-promozzjoni ta' ambjent fejn id-diversita' Ewropea titqies bħala sors ta' vitalita' soċjo-ekonomika.

**9. Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' l-opportunitjiet indaqs u t-trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fl-oqsma ta' l-impjieg u l-okkupazzjoni (*recast version*)**

Fil-21 ta' April 2004, il-Kummissjoni adottat proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju tat-trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fl-oqsma ta' l-impjieg u l-okkupazzjoni.

L-għan ta' din il-proposta huwa li jkun hemm aktar ċertezza legali u ċarezza fl-implimentazzjoni tal-prinċipji hawn fuq imsemmija, billi jinġiebu flimkien f'test wieħed il-provvedimenti ewlenija eżistenti f'dan il-qasam, kif ukoll ċerti żviluppi li joħorġu minn każistika stabbilita tal-Qorti tal-Gustizzja Ewropea.

Għaldaqstant il-proposta tgħaqqad flimkien dawn id-Direttivi li ġejjin:

- Id-Direttiva 75/117 dwar pagi ndaqs*;*
- Id-Direttiva 76/207 kif emendata mid-Direttiva 2002/73 dwar it-trattament ugwali fir-rigward ta' l-aċċess għall-impjiegi, it-taħriġ vokazzjonali u l-promozzjoni, u l-kundizzjonijiet tax-xogħol
- Id-Direttiva 86/378 kif emendata mid-Direttiva 96/97 dwar it-trattament indaqs fl-iskemi tas-sigurta' okkupazzjonali;
- Id-Direttiva 97/80 dwar l-oneru tal-prova f'każijiet ta' diskriminazzjoni bbażati fuq is-sess;

Is-simplifikazzjoni ta' l-*Acquis* Komunitarju għandu jiffaċilita l-aċċessibilita tal-leġiżlazzjoni Komunitarja billi tkun tista' tinqara aktar faċilment, u dan kemm għall-prattikanti legali kif ukoll għall-pubbliku b'mod ġenerali. Liema pass huwa importanti fil-kuntest tax-xogħol għal regolazzjoni aħjar.

NCPE

## *Gender Mainstreaming*

Skond id-Direttiva ta' l-UE 2002/79/KE, li ġiet fis-seħħ F'Ottubru 2005, il-*gender mainstreaming* (GM) għandu jifforma parti integrali mill-*policies* ta' l-istat u tal-Gvern u l-perspettiva ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi għandha tingħata kunsiderazzjoni f'kull qasam tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Iċ-Ċirkulari ta' l-UPM Nru. 24/2000, li kienet ġiet ippublikata fis-sena 2000 kienet diġa poġġiet il-*gender mainstreaming* fuq l-agenda nazzjonali, madanakollu l-implimentazzjoni kienet kemmxejn limitata.

Il-*gender mainstreaming* ġie definit f'bosta modi f'diversi dokumenti. Waħda mid-definizzjonijiet l-aktar li tinftiehem tgħid li l-*gender mainstreaming* huwa l-promozzjoni ta' "strateġija li tintegra l-interessi u l-esperjenzi kemm tan-nisa kif ukoll ta' l-irġiel fid-disinn, implimentazzjoni, sorveljar u evalwazzjoni ta' *policies* u programmi fl-isferi kollha politiċi, ekonomiċi u soċjali biex b'hekk in-nisa u l-irġiel jibbenefikaw b'mod ugwali, u l-inugwaljanza ma tkunx ipperpetwatha. L-għan aħħari huwa li tinkiseb l-ugwaljanza bejn is-sessi."

L-NCPE għamlet xogħol bażiku u ta' tisħiħ f'dan il-qasam permezz tal-*Gender Liaison Officer* tagħha li kien jikkonsisti f'tiftix intensiv fuq riċerka li saret fuq il-*gender mainstreaming*, kemm mill-perspettiva akkademika kif ukoll mill-perspettiva ta' *policies* Ewropej u lokali.

Biex jissaħħaħ it-tixrid ta' informazzjoni dwar dan il-kunċett, il-*gender focal points* li kienu stabbiliti fil-Ministeri varji, illum qed jiffunzjonaw f'kumitati li jinsabu f'kull Ministeru, liema kumitati twaqqfu lejn l-aħħar ta' l-2004. Fil-fatt l-irwol tal-*Gender Liaison Officer* jinkludi wkoll, fost affarijiet oħra, il-koperazzjoni u l-komunikazzjoni ma' dawn il-Kumitati, b'mod speċjali fuq mezzi varji dwar kif jistgħu jiġu implimentati miżuri ta' *mainstreaming*. Għal dan il-għan, il-Kumitati ingħataw numru ta' termini ta' referenza bħala gwida.

L-ewwel laqgħa mal-*Gender Equality Committees*, kif jissejħu l-kumitati msemmija hawn fuq, inżammet fit-23 ta' Frar 2005 fis-Sala Guzeppi Despott, il-Furjana. L-għan prinċipali ta' din il-laqgħa kien li l-Kumitati jingħataw informazzjoni dwar l-irwol u r-responsabbiltajiet ta' l-NCPE, kif ukoll li tinħoloq diskussjoni dwar il-funzjoni ta' dawn l-*Equality Committees* fil-Ministeri/Dipartimenti/Entitajiet rispettivi tagħhom. Tul din il-laqgħa, ġiet sostnuta l-importanza li

tiġi stabbilita sistema ta' komunikazzjoni tajba bejn l-NCPE u l-*Gender Equality Committees* kollha, biex b'hekk jiġi żgurat li kull provvediment li jiġi implimentat ikun newtrali u l-informazzjoni tasal f'kull post tax-xogħol, fil-livelli u fil-Ministeri kollha.

Barra minn hekk ġiet ukoll spjegata fid-dettall il-proċedura li timxi fuqha l-NCPE meta tirċievi ilment. Waqt il-laqgħa ingħatat ukoll importanza lill-klawsola tal-kunfidenzjalita' kif ukoll l-importanza li jinżammu ż-żminijiet stipulati li fihom l-awtoritajiet rispettivi għandhom jirrispondu għat-talbiet ta' l-NCPE, dejjem skond il-provvedimenti ta' Kap 456, Att dwar l-Ugwaljanza bejn l-Irġiel u n-Nisa. Issemma wkoll id-dokument "*Sexual Harassment - A Code of Practice*", il-pubblikazzjoni ta' l-NCPE u l-fatt li kull entita' ikollha *policy* dwar il-fastidju sesswali, fost ir-regolamenti tagħha. Kien hemm spjegazzjoni wkoll dwar Ir-responsabbiltajiet u l-irwol li għandu kull min iħaddem biex jiġi eliminat il-fastidju sesswali minn fuq il-post tax-xogħol.

Aspett ieħor li ġie diskuss f'din il-laqgħa kien l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-irwol li għandu jkollha l-media, minħabba l-impatt qawwi li din tħalli fis-soċjeta' tagħna. Il-Kumitati ingħataw ukoll informazzjoni dwar il-provvediment ta' Kap.456, Att dwar l-Ugwaljanza bejn l-Irġiel u n-Nisa, li jitkellem dwar il-fatt li meta persuna tiġi mistoqsija dwar is-sitwazzjoni familjari tagħha jew dwar l-istat taż-żwieġ waqt intervista għal xogħol, dan l-aġir, imur kontra l-liġi.

Issemma wkoll id-Direttorju ta' Nisa Professjonali Maltin u kien hemm ukoll diskussjoni dwar il-funzjoni li dan id-Direttorju għandu fir-rigward ta' *gender mainstreaming*.

Fil-11 u t-12 t'April, iċ-Ċentru Nazzjonali ta' Dokumentazzjoni Ewropea u Informazzjoni f'isem id-Dipartiment Taljan tal-*Policies* Komunitarji - Presidenza tal-Kunsill tal-Ministri, flimkien ma' l-*iStaff Development Organisation (SDO)*, organizza sessjonijiet ta' taħriġ dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi. Iċ-*Chairpersons* ta' l-*Equality Committees* kollha, kienu mistiedna biex jattendu għal dan it-taħriġ.

Fis-27 t'April, l-NCPE varat uffiċjalment il-pubblikazzjoni "*Sexual Harassment - A Code of Practice*" waqt seminar organizzat flimkien mal-*Foundation for Human Resources Development (FHRD*). Kien hemm attendenza tajba ħafna għal dan is-seminar kemm min-naħa ta' *Managers* tar-Riżorsi Umani, kemm minn entitajiet pubbliċi u privati, kif ukoll minn membri tal-*Gender Equality Committees*.

Waqt laqgħa oħra f'Lulju id-Direttur Eżekuttiv ta' l-NCPE, iltaqgħet ma uffiċjali pubbliċi ta' livell għoli, u tkellmet dwar il-bżonn li jiġi implementat il-*gender mainstreaming*, anke minħabba r-rekwiżiti tad-direttiva ta' l-Unjoni Ewropea 2002/73/KE "*dwar il-prinċipju ta' trattament indaqs għall-irġiel u n-nisa fir-rigward ta' aċċess għal xogħol, taħriġ vokazzjonali u promozzjoni, u kundizzjonijiet ta' xogħol*". Din id-Direttiva torbot b'mod legali lill-pajjiżi membri ta' l-Unjoni Ewropea biex jagħmlu *gender mainstreaming* fil-qasam tax-xogħol. Id-Direttur Eżekuttiv irreferiet ukoll għal din l-obbligazzjoni fil-kuntest ta' l-Aġenda ta' Lisbona u n-*National Development Plan for Economic and Social Cohesion* ta' Malta.

Fit-2 ta' Settembru 2005, saret laqgħa oħra maċ-*Chairpersons* tal-kumitati, jew rappreżentanti tagħhom fiċ-Ċentru Ħidma Soċjali, fejn ġew misħuqa u ripetuti ħafna mill-punti imsemmija.

Għal darb'oħra waqt din il-laqgħa d-diskussjoni kienet prinċipalment dwar l-importanza tal-*gender mainstreaming*. Il-*Gender Liaison Officer* irreferiet għad-Direttiva 2002/73/KE u ċ-Ċirkulari ta' l-UPM Nru. 24/2000. Din ta' l-aħħar tpoġġi l-*gender mainstreaming* taħt ir-responsabbilta' tas-Segretarji Permanenti, id-Diretturi Ġenerali, il-Kapijiet Eżekuttivi u *Managers*, Diretturi, Assistenti Diretturi u Kapijiet ta' Sezzjonijiet jew *Units*. L-importanza tal-*mainstreaming* reġgħet ġiet misħuqa fil-kuntest ta' l-Agenda ta' Lisbona u n-*National Development Plan for Economic and Social Cohesion*. L-ispjegazzjoni kompliet permezz ta' proposta tal-prerekwiżiti prinċipali li permezz tagħhom jintlaħaq l-għan tal-*gender mainstreaming*. Dawn jinkludu:

- arranġamenti istituzzjonali xierqa
- tixrid ta' informazzjoni
- taħriġ
- kompetenza
- impenn mill-livelli għolja
- inċentivi biex jinbena *ownership*
- riżorsi
- rappreżentazzjoni
- kultura/istituzzjonijiet

Waqt din il-laqgħa, ġie introdott il-kunċett ta' *multi-ground equality* u d-Direttur Eżekuttiv semmiet ukoll taħriġ li kellu jsir ftit xhur wara dwar id-Direttivi ta' l-UE dwar l-Ugwaljanza li jinkludu wkoll

razza, reliġjon/twemmin ieħor, eta', orjentazzjoni sesswali, diżabilita', etniċita' u l-ugwaljanza bejn is-sessi[1].

Il-Kummissjoni għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza (NCPE) ikkollaborat ma' l-Ambaxxata Rjali Olandiża biex organizzat taħriġ ta' nofs ta' nhar dwar *Multi-Ground Equality,* nhar it-28 ta' Ottubru 2005. Dan it-taħriġ sar fil-*Music Hall*, il-Kavallier ta' San Ġakbu, il-Belt.

L-għan ta' dan it-taħriġ kien li tingħata informazzjoni dwar l-obbligazzjonijiet li jinsabu fid-Direttiva 2000/78/KE, u fid-Direttiva 2000/43/KE dwar il-ħolqien ta' entita' li tippromwovi t-trattament ugwali ta' kull persuna irrispettivament mir-razza jew oriġini etnika, orjentazzjoni sesswali, eta,' reliġjon jew twemmin. Ms Willemien Ruygrok, esperta Olandiża, kellmet lill-parteċipanti dwar il-forom differenti ta' diskriminazzjoni u l-*policies* li jistgħu jiġu addottati biex imexxu 'il quddiem il-prinċipju ta' l-ugwaljanza.

Barra mit-taħriġ imsemmi, l-NCPE bdiet serje ta' laqgħat individwali ma' kull kumitat biex tgħinhom fl-implimentazzjoni tat-termini ta' referenza tagħhom. L-attivitajiet ta' kull Ministeru għandhom jiġu analizzati minn perspettiva ta' *gender* u kull fejn jirriżulta li hemm nuqqas ta' bilanċ bejn is-sessi, għandhom jittieħdu miżuri li jippromwovu l-ugwaljanza.

Numru ta' liġijiet ġew riveduti u saru wkoll rakkomandazzjonijiet lill-awtoritajiet rilevanti biex jiġi msaħħaħ aktar l-aspett ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi. Dawn li ġejjin huma l-aktar dokumenti importanti li ġew imħejjija u ppreżentati lill-awtoritajiet għall-implimentazzjoni:

- Ġew miflija bir-reqqa l-proviżjonijiet tad-Direttiva 2002/73/KE biex jintagħrfu l-effetti li dawn jagħmlu meta mqabbla ma' Kap. 456 Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa. Dan l-eżerċizzju wassal għal kitba ta' sett ta' rakkomandazzjonijiet, approvati mill-Kummissjoni, li ġew ippreżentati lill-Ministru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali.

- Ġie analizzat l-Att ta' l-*Income Tax* minn perspettiva ta' ugwaljanza bejn is-sessi.

- Saru reviżjonijiet li ġew rakkomandati dwar l-Att tal-*Malta Council for Economic and Social Development* biex b'hekk jiġu ntrodotti wkoll l-aspetti ta' *gender* li sal-lum kienu

[1] Peress illi l-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita' diġa' tittratta każi ta' diskriminazzjoni relatata ma' diżabilita, din ma kinitx tratta f'dawn is-sessjonijiet

għadhom ma jeżistux f'dan l-Att, lill-imsieħba soċjali li jagħmlu parti mill-kunsill ta' l-MCESD.

- Ġie mħejji dokument ieħor bl-isem ta' "*Making Work Pay*" li wkoll tressaq quddiem il-Ministru għall-konsiderazzjoni tagħha. Dan id-dokument jitkellem dwar ir-raġunijiet finanzjarji li jostakolaw lin-nisa Maltin milli jidħlu jew jirritornaw fis-suq tax-xogħol. Fost dawn ir-raġunijiet insibu kemm tiswa l-kura tat-tfal, ir-rata tan-*National Insurance* (N.I.) relattivament għolja, tfixkil ieħor fiskali, telf ta' benefiċċji soċjali, il-prattiċi diskriminatorji tax-xogħol *part-time*, kif ukoll l-ostakoli maħluqa minħabba l-effett tal-'*glass-ceiling*'.

- L-NCPE bdiet ukoll tifli bir-reqqa l-Att dwar is-Sigurta' Soċjali biex tagħmel *mainstreaming* fuq il-provvedimenti eżistenti, kif ukoll taġġorna l-kontenut ta' dan l-Att skond l-aktar liġijiet u *policies* riċenti.

- L-NCPE, ħadet sehem attiv fil-proċess ta' konsultazzjoni għan-*National Reform Programme* ta' Malta. Parti min dan is-sehem kien jinkludi wkoll attendenza għall-konferenza fuq l-istrateġija ta' Lisbona li bdiet dan il-proċess. Matul din il-konferenza ingħatat informazzjoni dwar ir-regoli ta' tmexxija ta' l-Istrateġija ta' Lisbona, kif ukoll l-aħjar modi biex din l-Istrateġija tiġi implimentata. Dan wassal ukoll għal diskussjoni bejn il-parteċipanti dwar il-metodi li għandhom jintużaw biex jitwettqu r-regoli ta' tmexxija msemmija. Wara din id-diskussjoni, ġew imfassla proposti ta' miżuri konkreti mill-NCPE, biex jiġu indirizzati dawn ir-regoli tat-tmexxija. Dawn il-proposti inġabru f'dokument wieħed li kien il-bażi ta' diskussjoni ma' l-*Management Efficiency Unit* (MEU), l-entita' responsabbli min-*National Reform Programme*. B'hekk, l-NCPE kitbet uffiċjalment numru ta' rakkomandazzjonijiet lill-MEU li fosthom jinkludu wkoll proposta biex tiġi integrata l-perspettiva ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-miżuri kollha li jittieħdu.

- L-NCPE analizzat ukoll id-dokument '*Biex Int tgħix Aħjar - Dokument Qabel il-Baġit 2006-2010*' li għalih ukoll għamlet rakkomandazzjonijiet li ntbagħtu l-Uffiċċju tal-Prim Ministru f'Ottubru 2005.

- Fir-rigward tal-proċess FSE, l-NCPE tat ukoll il-kontribut tagħha għall-*Istructural and Cohesion Funds Programme 2006-2013* (NSRF) biex tassigura li l-ugwaljanza bejn is-

sessi tingħata allokazzjoni xierqa f'dan il-programm. L-NCPE ukoll irrispondiet il-Kwestjonarju dwar *Regulatory Management Capacities*. L-NCPE ħarset b'mod favorevoli ħafna lejn din l-inizzjattiva minħabba l-fatt li valutazzjoni tajba tal-kapaċitajiet regolatorji fuq livell nazzjonali tista' twassal għal żvilupp fil-bini ta' kapaċitajiet ta' l-NCPE innifisha, kif ukoll fl-*Equality Committees* fil-Ministeri.

Bħala parti mill-attivitajiet li qed torganizza l-NCPE biex tqajjem kuxjenza dwar l-ugwaljanza, il-Kummissjoni għamlet numru ta' preżentazzjonijiet fuq *gender mainstreaming* matul din is-sena. Dawn il-preżentazzjonijiet saru kemm lill-entitajiet pubbliċi, organizzazzjonijiet tas-soċjeta' ċivili kif ukoll kumpaniji privati.

L-NCPE ħadmet ukoll ma' l-ETC fuq manwal għal min iħaddem, *Code of Practice on Gender Equality* għall-istaff ta' l-ETC, kif ukoll manwal fuq l-għażla ta' karrieri mhux tas-soltu (*atypical*).

L-NCPE kienet ukoll involuta fil-kitba ta' *scripts* ta' reċti fejn ġew rappreżentati diversi sitwazzjonijiet, fuq suġġetti bħal fastidju sesswali, għal varji programmi tat-televiżjoni.

**Direttorju ta' Nisa Professjonali Maltin**

Il-Kummissjoni għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza qed tiddisinja mill-ġdid id-Direttorju ta' nisa professjonali Maltin. Din l-informazzjoni se tkun mezz siewi ħafna għall-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-*gender mainstreaming*. Skond il-politika tal-Gvern li kkommetta ruħu li f'Malta jkun hawn ugwaljanza *de facto*, dan id-Direttorju se jkun l-għodda prinċipali ta' referenza li se tipprovdi ismijiet ta' nisa bi kwalifiki partikolari fl-oqsma differenti, biex tiġi indirizzata l-problema eżistenti ta' żbilanċ fir-rappreżentazzjoni taż-żewġ sessi fuq il-bordijiet u l-kumitati tal-Gvern.

Dan id-*database* se jkun importanti ħafna għall-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-livelli ta' teħid ta' deċiżjonijiet għalhekk per eżempju dawn l-ismijiet se jingħataw lilll-ministeri tal-gvern, biex jiġu kkonsidrati biex jagħmlu parti minn bordijiet u kumitati, dejjem skond il-kompetenzi rispettivi tagħhom.

Dan id-Direttorju huwa ibbażat fuq i-Direttorju tan-Nisa Maltin li kien imħaddem mill-varji Kummissjonijiet għall-Avvanz tal-Mara fis-snin li għaddew. Iżda, bid-differenza li din id-darba, l-aġġornament ta' l-informazzjoni fid-Direttorju, se tkun responsabbilta' tal-persuna innifisha. Huwa

ippjanat li din is-sistema l-ġdida se tkun f'postha u taħdem fil-ġimgħat li ġejjin. Kull min hu interessat li japplika, irid ikollu e-ID, biex ikun jista' jimla formola *online* u jżommha aġġornata skond il-bżonn. Dan l-e-ID jista' jinkiseb minn xi kunsilli lokali, jew mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali.

Karatteristika oħra ta' dan id-Direttorju hija li l-unika persuni li jista' jkollhom aċċess għall-informazzjoni mogħtija mill-applikanti huma membri ta' l-istaff ta' l-NCPE, minbarra l-persuna innifisha li qed tapplika. Din il-miżura ittieħdet biex tiġi żgurata kemm jista' jkun il-kunfidenzjalita' ta' l-individwi. Hekk kif is-sistema tkun qed taħdem, se jiġi ippublikat avviż fuq il-gazzetti u mezzi oħra tax-xandir.

**Nominazzjonijiet għall-*Outstanding Young Persons Award* 2005**

F'Awwissu 2005, l-NCPE għamlet nominazzjonijiet għall-*Outstanding Young Persons (TOYP) Award* għas-sena 2005, organizat mill-J*unior Chamber International (JCI)* Malta. Il-kandidati li innominat l-NCPE kienu:

- Lara Tonna fil-kategorija ta' tmexxija volontarja
- Annalise Falzon fil-kategorija ta' tmexxija morali u ambjentali
- Marisa Cassar fil-kategorija ta' żvilupp xjentifiku u teknoloġiku
- Justyne Caruana fil-kategorija ta' affarijiet politiċi, legali u governattivi.
- Marija Schranz fil-kategorija ta' kontribuzzjonijiet għat-tfal, paċi fid-dinja u/jew drittijiet tal-bniedem.

NCPE rat b'sodisfazzjon li l-premju ingħata lil waħda mill-persuni nominati, li kienet Marija Schranz.

# Proġetti

Matul din is-sena, l-NCPE bdiet timplementa l-proġetti ta' l-FSE u l-EQUAL li kienet applikat għalihom matul l-2004 u applikat b'suċċess għal proġett ieħor taħt il-*Closed Call* VP/2004/019 maħruġ mill-Kummissjoni Ewropeja. Permezz ta' dawn il-proġetti kien hemm żieda fir-riżorsi u fil-kapaċitajiet li ssir riċerka fl-NCPE. Għenu wkoll biex l-NCPE tkun f'pożizzjoni aħjar li timplimenta u tissorvelja proġetti varji.

## 1. Proġett FSE Nru. 23: *Mainstreaming* ta' l-Ugwaljanza bejn is-Sessi – id-Direzzjoni għall-Ġejjieni

L-NCPE bħalissa qed timplimenta l-proġett "*Mainstreaming* ta' l-Ugwaljanza - Id-Direzzjoni għall-Ġejjieni", li huwa parzjalment finanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew (FSE).

L-għan ta' dan il-proġett huwa li tiżdied il-parteċipazzjoni u l-avvanz tan-nisa fis-suq tax-xogħol, prinċipalment permezz ta' l-identifikazzjoni u l-promozzjoni ta' miżuri li jgħinu biex jintlaħaq bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u dik familjari. Dan il-proġett jindirizza l-ambjenti tax-xogħol, kemm fis-settur pubbliku u kif ukoll dak privat, biex jingħataw opportunitajiet lil aktar nisa biex jibdew jaħdmu f'dawn is-setturi. B'dan il-mod, in-nisa jkunu jistgħu jżommu l-post tax-xogħol tagħhom u fl-istess waqt iżidu l-opportunitajiet ta' avvanz fil-karriera, b'mod speċjali fil-kuntest ta' ħolqien ta' rappreżentanza ugwali taż-żewġ sessi fil-livell tat-teħid ta' deċiżjonijiet.

Dan għandu wkoll joħloq kuxjenza fost l-imsieħba soċjali dwar il-vijabilita' u benefiċċji oħra li joħorġu mill-implimentazzjoni ta' miżuri favur il-familja. Eżempji ta' dawn il-benefiċċji huma relazzjonijiet aħjar ma' l-impjegati u żieda fil-produttivita'.

Dan il-proġett jimmira b'mod partikolari lejn in-nisa u l-*Managers* tar-Riżorsi Umani. Il-proġett huwa maqsum f'komponenti, kif ġej:

- Riċerka fl-introduzzjoni ta' miżuri favur il-familja fil-postijiet tax-xogħol;
- Identifikazzjoni ta' differenzi bejn is-sessi f'dawk li huma pagi;
- Studju li janalizza l-avvanz fil-karrieri u l-kundizzjonijiet ta' xogħol ta' gradwati fis-suq tax-xogħol;

- Proġett pilota ta' *teleworking;*
- *Gender mainstreaming;*
- Kampanja publiċitarja.

**Riċerka fl-introduzzjoni ta' miżuri favur il-familja fil-postijiet tax-xogħol**

Din il-parti tal-proġett tikkonsisti fi studju t'evalwazzjoni f'kumpaniji privati biex jiġu identifikati l-benefiċċji ta' ambjent ta' xogħol li jinkorpora miżuri favur il-familja. L-iskop ta' dan l-istudju huwa li naraw kif, meta jkunu fis-seħħ dawn il-miżuri, il-bidla li ssir, tkun kemm għall-vantaġġ ta' min iħaddem kif ukoll tal-ħaddiema. Dak li jirriżulta minn dan l-istudju se jsarraf f'rakkomandazzjonijiet li jkunu ta' benefiċċju kemm għall-*management* kif ukoll għall-istaff fis-settur privat. Il-benefiċċji, b'mod partikolari dawk finanzjarji, se jkunu ippubbliċizzati mal-livelli tal-*management*, b'mod speċjali mal-*Managers* tar-Riżorsi Umani, biex b'hekk jinħoloq mudell ta' miżuri favur il-familja li jista' jiġi implimentat minn kumpaniji. Ir-riżultati ta' dan l-istudju hu ippjanat li jiġu ippubblikati sa Settembru 2006.

**L-Identifikazzjoni ta' differenzi bejn in-nisa u l-irġiel, f'dawk li huma pagi**

Dan l-aspett tal-proġett se jiffoka l-aktar fuq analiżi kwantitattiva ta' karigi u pagi ta' diversi ħaddiema, biex b'hekk jiġi identifikat tfixkil li jista' jeżisti li jżomm milli jkun hemm opportunitajiet u pagi indaqs. Il-pubblikazzjoni tar-riżultati li joħorġu minn dan l-istudju, hija ippjanata wkoll għal Settembru 2006. L-għan ta' din il-pubblikazzjoni huwa li jsiru rakkomandazzjonijiet dwar possibilitajiet li permezz tagħhom jiġu eliminati l-ostakli li qed ifixklu milli jkun hemm ugwaljanza f'dan il-qasam, minħabba l-fatt li għalkemm il-liġijiet ta' Malta jisħqu fuq l-ugwaljanza f'dawk li huma pagi għal xogħol ta' l-istess valur, għadhom fis-seħħ diversi diskrepanzi.

**Studju li janalizza l-avvanz fil-karrieri u l-kundizzjonijiet ta' xogħol ta' gradwati fis-suq tax-xogħol**

L-għan ta' dan l-istudju huwa li ssir stima ta' l-avvanz fil-karrieri ta' nisa u irġiel gradwati. L-iskop ta' dan huwa li naraw ir-raġunijiet għall-għażla ta' karriera partikolari minn oħra, biex b'hekk isir magħruf jekk l-għażla tkunx għażla ħielsa jew għażla aktar kostretta sforz iċ-ċirkostanzi. Per eżempju, naraw jekk għażla ta' karriera partikolari issirx minħabba l-ħsieb li din karriera toffri kundizzjonijet tax-xogħol, li huma aktar prattiċi għal membri ta' sess partikolari aktar mill-ieħor. Dan l-istudju se jsir qalb nisa u rġiel gradwati li jaħdmu kemm fis-settur pubbliku u dak privat, biex b'hekk ikun hemm rappreżentanza xierqa tal-popolazzjoni. Barra minn hekk, huwa maħsub li dan l-istudju se joħroġ b'mod aktar ċar, kemm fil-verita' nuqqas ta' miżuri favur il-familja f'karrieri

partikolari jista' joħloq diskriminazzjoni fuq in-nisa, li, fis-soċjeta' Maltija, spiss għadhom iġorru l-qofol tar-responsabbiltajiet tal-familja, u għalhekk, b'mod indirett ma jibbenefikawx mill-istess opportunitajiet li għandhom l-irġiel. Fil-fatt, ta' min jgħid li skond il-*Eurostat Labour Force Survey*, ir-rata ta' ħaddiema irġiel f'Malta hija ta' 74.5% (l-ewwel 3 xhur ta' l-2005), u tinsab fis-sitt post mill-Istati membri ta' l-UE, waqt li, min-naħa l-oħra r-rata ta' impjieg tan-nisa hija ta' 34.8%, u allura hija l-anqas waħda fl-Ewropa.

***Teleworking***

F'din il-parti tal-proġett huwa maħsub li jiġu identifikati il-benefiċċji ta' arranġamenti ta' xogħol aktar flessibbli, u kif għandhom jiġu megħluba xi limitazzjonijiet li jista' jkun hemm. L-istudju se jara l-benefiċċji tal-flessibilita', billi jidentifika r-riżultat ta' dan fil-proċess tax-xogħol, kemm qabel kif ukoll wara l-implimentazzjoni tat-*teleworking*. Għal dan il-għan, l-NCPE għażlet erba' ħaddiema tal-Gvern biex jaħdmu mill-ambjent tad-dar. Madankollu biex ikun hemm kampjun rappreżentattiv, il-konsulenti tar-riċerka, se jkunu wkoll qed josservaw mill-qrib kumpaniji privati li diġa' jħaddnu sistema ta' *teleworking*, biex b'hekk jidentifikaw il-vantaġġi u/jew limitazzjonijiet, skond ix-xogħlijiet differenti biex fl-istess ħin ikunu qed jilħqu l-bżonnijiet ta' min iħaddem u tal-ħaddiema. Ir-riżultati ta' dan l-istudju se jiġu ippublikati, u skond dak li jinstab, isiru rakkomandazzjonijiet biex miżuri bħal din tat-*teleworking* ikunu jistgħu jiġu addattati għall-bżonnijiet ta' postijiet tax-xogħol differenti.

**Sejħiet għall-Offerti**

Matul l-2005, inħarġu Sejħiet għall-Offerti (FSE) kif ġej:

| **Isem tal-Kuntratt** |
|---|
| Kuntratt għall-impjieg ta' *Project Coordinator* |
| Kuntratt għall-ingaġġ ta' *Gender Liaison Officer* |
| Kuntratt għal servizz ta' konsulenti għar-riċerka |
| Kuntratt għal servizz ta' pubbliċita' u relazzjonijiet pubbliċi |
| Kuntratt għal servizz biex isiru *żewġ* surveys bit-telefon |
| Kuntratt għal servizz ta' użu ta' postijiet u proviżjon ta' *refreshments* |
| Kuntratt għal servizz ta' *Research Supervisor* |
| Kuntratt għal xiri ta' *computers* u *printers* |
| Kuntratt għal servizz ta' kumnikazzjonijiet ta' VPN u *Internet* |

**Kampanja ta' Reklamar**

Bħala parti mill-kampanja ta' reklamar, MISCO għamlu *survey* permezz tat-telefon fejn irriżulta li, mingħajr ma għadha saret ebda tip ta' pubbliċita, 33% ta' dawk li irrispondew kienu jafu bl-eżistenza ta' l-NCPE. Dawn ir-riżultati juru li l-kampanja li ġiet ippjanata bħala parti minn dan il-proġett, hija neċessarja biex il-pubbliku jagħraf x'inhu l-irwol u l-funzjoni tal-Kummissjoni. L-informazzjoni se tiġi mxerrda permezz ta' *billboards, posters, bus-wraps,* fuljetti u riklami fuq TVM u Radju Malta. Huwa maħsub li s-sena d-dieħla jsir *survey* ieħor biex naraw ikunx intlaħaq l-iskop tal-kampanja pubbliċitarja.

Huwa mistenni li l-partijiet ta' dan il-proġett ta' l-FSE imsemmija hawn fuq se jagħtu kontribut għal:

- **Tisħiħ tal-kunċett ta' inklużjoni soċjali**: iktar ma' nisa jiġu mħajra jidħlu, jibqgħu jew jirritornaw fis-suq tax-xogħol, tonqos id-dipendenza fuq l-Istat għall-għoti ta' benefiċċji. Permezz tal-ħlas ta' l-N.I., in-nisa jkunu jistgħu jieħdu benefiċċji soċjali li joffru sigurta' finanzjarja aktar fit-tul.

- **Promozzjoni ta' tagħlim matul il-ħajja**: aktar flessibilta' tagħti opportunitajiet akbar lin-nisa biex javvanzaw fl-edukazzjoni tagħhom tul il-ħajja. Dan min-naħa oħra iżid il-prospetti ta' dawn in-nisa biex javvanzaw ukoll fil-ħajja pubblika.

- **Żieda fl-addattabilita'**: żvilupp tal-potenzjal tan-nisa fid-diversi oqsma/ħiliet li huma neċessarji għall-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol.

- **Għajnuna fl-intraprenditorija**: dawn kollha li ssemmew isaħħu l-prospetti ta' aktar produttivita', biex b'hekk jinkoraġġixxu aktar żvilupp ta' intrapriżi f'Malta, eżempju: *SMEs*.

- **Promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi**: hemm tendenza akbar fost in-nisa li jistgħu jsibu ruħhom f'sitwazzjonijiet ta' poverta' jew inkella hekk imsejħa gruppi f'riskju, għalhekk għandhom opportunita' akbar li jkollhom sigurta' finanzjarja, possibilitajiet ta' avvanz u kwalita' tal-ħajja aħjar.

## 2. EQUAL Nru.4 'Promozzjoni ta' Opportunitajiet Indaqs Permezz ta' l-Għotja ta' Aktar Setgħa (*Empowerment*)

**L-għan tal-proġett**

Dan il-proġett huwa parzjalment iffinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew ta' l-UE. L-iskop tal-proġett huwa li jintlaħaq is-settur inattiv tal-popolazzjoni Maltija, b'mod speċjali n-nisa, u jinkoraġġihom biex ikunu parti minn, jibqgħu jew javvanzaw fis-suq tax-xogħol permezz ta' promozzjoni ta' tipi ta' xogħolijiet f'oqsma differenti. Barra min hekk, għan ieħor ta' dan il-proġett huwa li jħajjar persuni bla xogħol/inattivi, l-aktar nisa, li fil-preżent jaħdmu fl-ekonomija informali, biex jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol formali.

Id-*Development Partnership* (DP) msejjaħ *GenderRole*, il-proġett 'Promozzjoni Ta' Opportunitajiet Indaqs Permezz ta' l-Għotja ta' Aktar Setgħa'. *GendeRole* huwa mmexxi mill-NCPE.

Id-*development partnership* huwa iffurmat minn varji organizzazzjonijiet li huma:

- Il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg (MEYE)
- Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST)
- Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ (ETC)
- Bord tal-Koperattivi
- Dipartiment tal-Gvern Lokali (DLG)
- Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita' (KNPD)
- Awtorita' Maltija tat-Turiżmu (MTA)
- Kunsill Nazzjonali tan-Nisa (NCW)
- *Malta Employers' Association* (MEA)
- *Malta Federation of Industry* (FOI)
- Union Ħaddiema Magħqudin (UĦM)
- *General Workers' Union* (GWU)

Dawn il-*Partners* flimkien jiffurmaw id-*Development Partnership*' (minn hawn 'il quddiem se jissejjaħ DP).

Intlaħaq ftehim dwar il-kontribuzzjonijiet u r-responsabbiltajiet ta' kull *partner.* Barra minn hekk il-*partners* iddeċiedew ukoll f'liema qasam se jagħtu il-kontribuzzjoni tagħhom. Ġie mħejji wkoll pjan ta' xogħol rigward ir-responsabbiltajiet prinċipali ta' kull *development partner*. Dan il-Pjan,

jinkludi fih l-għanijiet tal-proġett kif ukoll ix-xogħol li għandu jitwettaq minn kull DP fi żminijiet stipulati, biex b'hekk ikun jista' jiġi studjat il-progress li jsir.

L-NCPE flimkien mad-DPs għażlet li wieħed mill-aktar mezzi effettivi li permezz tagħhom jista' jintlaħaq aħjar l-għan ta' dan il-proġett, huwa permezz ta' persuni li jistgħu jkunu ta' eżempju għal ħaddieħor (*role models*), minħabba li huma nies li imxew 'il quddiem fl-pożizzjoni tax-xogħol tagħhom wara li ħadu t-taħrig u/jew fittxew xogħlijiet b'prospettivi aħjar ta' avvanz. Dawn il-persuni se jaqsmu l-esperjenzi tagħhom mal-pubbliku, biex b'hekk juru li persuni mhux attivi, jekk jagħżlu li jilqgħu l-isfida, jistgħu jiksbu suċċess simili.

L-NCPE diġa bdiet tagħmel kuntatt ma' numru ta' persuni li ġew imsemmija li bl-esperjenzi tagħhom jistgħu jkunu ta' eżempju għal ħaddieħor. Numru minn dawn se jintagħżlu biex jieħdu parti mill-kampanja ta' reklamar li se tvara l-NCPE. Tul din il-kampanja, ir-*role models* se jipparteċipaw fis-*seminars* tal-Kunsilli Lokali, fil-programmi tat-TV u tar-radju u fil-Pubblicita' ta' Servizzi Pubbliċi (PSAs).

Dan il-proġett huwa maqsum kif ġej:

### a. Kumpilazzjoni ta' Informazzjoni

L-NCPE u d-*DPs* ġabru l-informazzjoni kollha li hi bżonjuża għat-twettiq tal-proġett, f'dak li huwa taħriġ u opportunitajiet ta' xogħol f'oqsma varji, li huma offruti mid-*DPs* infushom.

### Sejħiet għal Offerti

Waqt l-2005, l-NCPE ħarġet is-Sejħiet għal Offerti b'konnessjoni ma' dan il-proġett:

| **Isem tat-Tender** |
|---|
| Kuntratt għall-impjieg ta' *Project Coordinator* |
| Kuntratt għas-Servizz ta' '*Publicity and Public Relations EQUAL Project on TV, Radio, Print Media, Bus Shelter Adverts and Website Development*. |
| Kuntratt għas-Servizz tal-forniment ta' postijiet u refreshments |
| Kuntratt ta' servizz għall-ingaġġ ta' Riċerkatur għal proġett trans-nazzjonali *AGEnder* |

### b. Tixrid ta' Informazzjoni fil-Komunita'

L-NCPE żviluppat proposta għal programm tat-TV u r-radju li tressqet quddiem l-awtoritajiet kompetenti. Din il-proposta tinkludi l-produzzjoni u l-wiri ta' serje ta' programmi fuq it-TV u r-radju

li se jagħtu prijorita' lit-tixrid ta' informazzjoni dwar ir-*role models*, kif ukoll edukazzjoni, taħriġ, u opportunitajiet fis-suq tax-xogħol.

NCPE bdiet it-tħejjijiet għax-xandir tas-serje ta' programmi fuq it-TV, programmi tar-radju kif ukoll tal-PSAs. Saret ukoll lista bis-suġġetti li se jiġu ttrattati waqt dawn il-programmi. Huwa maħsub li dawn il-programmi se jibdew jixxandru fi Frar ta' l-2006. L-iskop huwa li permezz ta' dawn il-programmi jingħata wkoll profil lid-*development partners*, kif ukoll lir-*role models*. Il-programmi se jkunu wkoll mezz ta' reklamar għat-taħriġ u opportunitajiet ta' xogħol fl-oqsma differenti, li jiġu offruti mid-DPs infushom.

**c. Laqgħat inizzjali mal-Kunsilli Lokali u Seminars għall-Pubbliku**

L-NCPE żviluppat pjan ta' xogħol għat-tħejjijiet inizzjali tas-Seminars pubbliċi tal-Kunsilli Lokali. Fil-fatt, diġa ġew ikkuntattjati l-Kunsilli Lokali kollha ta' Malta u Għawdex, u saru erba' laqgħat preliminari fejn l-għan ta' dan il-proġett ġie spjegat lill-kunsilliera li attendew, kif ukoll ingħataw informazzjoni dwar x'se jkun l-irwol tagħhom sabiex dan il-proġett jirnexxi. Fil-fatt l-NCPE spjegat li l-irwol tal-kunsilliera huwa li jagħtu l-kontribut tagħhom, kif ukoll jagħtu pariri siewja dwar kif is-settur inattiv tal-popolazzjoni jista' jintlaħaq u jiġi mħajjar biex jipparteċipa f'dawn is-*seminars*.

Waqt dawn il-laqgħat saret diskussjoni dwar ħafna suġġerimenti li saru bl-għan li jirnexxi s-seminars, per eżempju dwar il-provvediment ta' kura tat-tfal waqt li jkunu għaddejjin is-seminars, l-għażla tad-dati li fihom isiru is-seminars skond il-bżonnijiet tal-kunsilli partikolari kif ukoll dwar suġġerimenti biex iħajru lill-individwi biex jipparteċipaw, per eżempju billi tintbagħat ittra lil individwi mhux attivi. Issemma wkoll ir-reklamar - bħal per eżempju tqassim ta' *posters*, avviżi fil-knejjes parrokkjali li jkunu se jibdew dawn is-*seminars* u mezzi oħra. Ġew imssemmija wkoll kwistjonijiet oħra bħal per eżempju possibilitajiet ta' impjiegi u taħriġ fil-qasam tal-Gvern Lokali, l-iżvilupp ta' *database* (informazzjoni personali u dettalji tal-parteċipanti) kif ukoll l-organizzazzjoni ta' *focus groups* li jiġbru r-reazzjonijiet u s-suġġerimenti dwar is-*seminars*.

Wara dawn il-laqgħat, deher biċ-ċar li l-kunsilli lokali fehmu l-importanza tal-proġett, u lesti jagħtu l-għajnuna meħtieġa.



Is-*seminars* imsemmija se jkunu maqsuma fuq erba' reġjuni li huma; In-naħa ta' fuq; il-parti ċentrali; in-naħa t'isfel ta' Malta; u Għawdex. L-għan ta' dawn is-*seminars* huwa li fihom tingħata informazzjoni aktar dettaljata ta' dak li jkun qed jidher fil-*media*, kif ukoll jingħataw spjegazzjonijiet ta' kif persuna tista' tagħmel użu mill-opportunitajiet eżistenti fl-oqsma differenti.

F'dawn is-*seminars* ukoll, *role models* mir-reġjun se jitkellmu dwar l-esperjenzi tagħhom biex ikunu ta' eżempju kif il-bidla tista' tkun ta' suċċess.

**d. Laqgħat ma' min Iħaddem**

Din il-parti tal-proġett hija maħsuba li titwettaq fis-sena 2006. Fil-fatt, din il-parti tikkonsisti f'laqgħat ma' min iħaddem u r-rappreżentanti tagħhom, li se jkunu organizzati bil-għan li nifhmu aktar kemm fil-verita' min iħaddem jifhem it-tfixkil li jiffaċċjaw in-nisa meta jaħsbu biex jidħlu fis-suq tax-xogħol. Barra minn hekk il-parteċipanti se jiġu infurmati wkoll bil-prijorita' li għandha tingħata mill-industrija biex tara li jonqos dan it-tfixkil.

**e. Formulazzjoni tal-Politika**

L-aħħar parti tal-proġett, maħsuba li sseħħ fl-2006, tikkonsisti fil-formulazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet lill-Gvern biex jissaħħaħ il-kunċett ta' opportunitajiet indaqs inkluż l-ugwaljanza bejn is-sessi, ibbażata fuq l-esperjenzi tar-*role models*, dak li joħroġ mis-*seminars* għall-imsieħba soċjali u fl-aħħarnett mir-riżultati tal-proġett.

**Sħubija Trans-nazzjonali**

NCPE kellha diskussjonijiet mal-*Unit* tal-UE tal-Ministeru għall-Familja u s-Solidarjeta' Soċjali dwar it-*Trans-national Cooperation Agreement* (TCA) bħala parti minn dan il-proġett. Wara dawn id-diskussjonijiet, l-NCPE irċeviet bosta talbiet minn entitajiet Ewropej li huma interessati li jkunu sħab trans-nazzjonali mal-proġett Malti.

Id-DPs lokali ġew ukoll infurmati bil-possibilta ta' sħubija u ntalbu wkoll jattendu għal-laqgħa li fiha huma ġew mitluba jindikaw liema huma iż-żewġ proġetti trans-nazzjonali li għoġbuhom aktar. Id-DPs għażlu "*What women want*" mill-Italja, u '*Revalorisation of Work to Promote Equality*' propost mill-Portugal.

Wara li ttieħdet din id-deċiżjoni, rappreżentant ta' l-NCPE attenda meeting f'Lecce, fl-Italja fejn l-imsieħba Taljani flimkien ma msieħba oħra fl-istess proġett – L-Irlanda ta' Fuq, il-Litwanja, Spanja u Malta - iddiskutew it-TCA u flimkien żviluppaw proġett komuni msejjaħ EMPOWER (TCA I.D. Code 3980).

Matul l-istess ġimgħa, l-imsieħba Portugiżi, flimkien ma' Franċiżi li huma imsieħba tal-proġett żaru Malta bl-għan li jiġi żviluppat it-tieni TCA għall-Proġett Malti. Dan it-TCA li se jiffoka fuq diskriminazzjoni bejn is-sessi u diskriminazzjoni minħabba l-eta' jissejjaħ AGEnder (TCA I.D. Code 3795).

B'hekk iż-żewġ imsieħba trans-nazzjonali **A*GEnder*** u **EMPOWER** ġew żviluppati bħala parti mill-proġett EQUAL.

**EMPOWER**

L-għan ta' dan il-proġett huwa li jiġu identifikati mezzi li permezz tagħhom jistgħu jitneħħew l-elementi kollha li jżommu lura gruppi dgħajfa u/jew emarġinati, b' mod speċjali n-nisa, permezz tal-promozzjoni ta' opportunitajiet indaqs għal nisa żvantaġġati biex dawn jidħlu fis-suq tax-xogħol. Fost l-imsieħba li qed jaħdmu f'dan il-proġett insibu l-Italja, Spanja, l-Irlanda ta' Fuq, il-Litwanja u Malta.

F'Novembru, rappreżentanti ta' l-NCPE attendew laqgħa f'Belfast, l-Irlanda ta' Fuq, - fejn l-imsieħba, iddiskutew ir-rwoli u r-responsabbiltajiet ta kull imsieħeb fil-proġett u ġie żviluppat pjan għall-proġett EMPOWER. (TCA I.D. Code 3980).

Barra minn hekk, waqt din il-laqgħa ġie diskuss ukoll l-istudju trans-nazzjonali li se jsir minn *Possibilities* ta' l-Iralnda ta' Fuq (NI). F'dan l-istudju, Possibilities (NI) se jaraw il-ġenituri waħidhom u x-xogħol mill-perspettiva ta' l-Istati Membri l-oħra, inkluż Malta. Dan l-istudju se janalizza modi differenti kif Stati Membri differenti jaħdmu fuq dawn it-tip ta' sitwazzjonijiet, kif ukoll se jiġu studjati mudelli ta' prattika li jistgħu jiġu addottati għall-benefiċċju ta' ġenituri waħidhom.

Se jiġi żviluppat pakkett b'dak kollu li jista' jgħin fit-taħriġ biex jgħin lid-DPs kollha mdaħħlin f'dan it-*trans-national partnership*. Dan il-pakkett se jkun imqassam permezz ta' l-użu tas-sit ta' l-*Internet* kif ukoll permezz ta' CD-ROM.

Għalhekk, dan it-*trans-national partnership* se jżid il-valur tal-proġett nazzjonali, minħabba l-fatt li se jġib varji proġetti quddiem l-NCPE, liema proġetti huma dwar suġġetti li huma fuq l-agenda ta' l-NCPE  Dawn jinkludu l-bżonnijiet li għandhom ġenituri waħedhom, kif ukoll il-bżonnijiet ta' nisa li jgħixu f'*depressed area*, fost l-oħrajn.  Il-pakkett ta' informazzjoni kif ukoll materjal ieħor li se jiġi prodott minn dan it-*trans-national partnership*, se jgħinu lill-NCPE fit-tixrid ta' din l-informazzjoni fuq bażi lokali u b'hekk timxi 'il quddiem fil-kunċett ta' l-ugwaljanza.

***AGEnder***

L-għan ta' dan il-proġett huwa li jixtarr il-kunċett ta' eta' flimkien ma' diskriminazzjoni bejn is-sessi. Dan il-proġett għandu wkoll l-iskop li tiżdied ir-rata ta' nies li jaħdmu fost in-nies aktar anzjani, b'mod speċjali in-nisa, permezz tal-promozzjoni ta' inizzjattivi tajbin f'dan il-qasam, li jittieħdu mill-pajjiżi Ewropej.  L-imsieħba f'dan il-proġett huma l-Portugall, Franza u Malta.

L-ewwel laqgħa ta' koordinazzjoni tal-proġett AGEnder (TCA I.D. Code 3795) saret f'Pariġi, Franza.  Waqt din il-laqgħa ġew diskussi wkoll l-irwol u r-responsabbiltajiet ta' kull imsieħeb fil-proġett, kif ukoll l-iżvilupp tal-proġett innifsu.

## 3. Gender News Good News

*Gender News Good News* huwa proġett finanzjat mill-UE u qiegħed jiġi ikkordinat mill-Ministeru tax-Xogħol fl-Italja, b'imsieħba minn Spanja, Franza u Malta. L-imsieħba lokali huma l-NCPE u l-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ.

L-iskop ewlieni tal-proġett *'Gender News Good News'* huwa li jsir xogħol ma' individwi li jaħdmu fil-qasam tal-media mill-erba' pajjiżi imsieħba fil-proġett, li huma, Franza, l-Italja, Malta u Spanja. Dawn ilkoll se jaħdmu biex jitneħħew sterjotipi li għadhom fis-seħħ bħalissa fil-media, u li tinħoloq kuxjenza dwar l-importanza tal-bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u dik tal-familja. Għall-fini ta' dan il-proġett, media ġiet iddefinita bħala komunikazzjoni fuq it-TV u ir-radju, il-kitba ta' *scripts* u komunikazzjoni fil-qasam tal-kummerċ. Huwa maħsub li l-effett tal-kuxjenza akbar li se jkollhom il-parteċipanti jiġi rifless fil-produzzjoni ta' programmi li jitbegħdu minn sitwazzjonijiet li jippromwovu sterjotipi li għadhom fis-seħħ bħalissa u b'hekk jinħoloq spazju għal idejat u kunċetti innovattivi biex jidħlu fi produzzjonijiet ġodda.

L-Italja qegħda tmexxi dan il-proġett u kull pajjiż huwa rappreżentat minn organizzazzjoni jew organizzazzjonijiet varji. L-NCPE u l-ETC huma l-imsieħba Maltin f'din l-Inizzjattiva Kommunitarja.

Grupp ċentrali, li huwa magħmul minn rappreżentanti ta' l-organizzazzjonijiet li qed jiehdu sehem fil-proġett, jiltaqa' fuq bażi regolari biex jippjana l-iżvolġiment tal-proġett u jixtarr l-iżviluppi. L-aspett tat-taħriġ f'dan il-proġett, jiffoka fuq żewġ *workshops* li, fost affarijiet oħra, jużaw eżempji ta' miżuri tajbin u ħżiena ta' rikonċiljazzjoni fil-pajjiżi li qed jipparteċipaw, biex b'hekk jikkontribwixxu direttament għad-diskussjoni fuq is-suġġett.

L-NCPE, flimkien ma' professjonisti Maltin mis-settur tal-media, ipparteċipat f'numru ta' laqgħat u *workshops*, fejn intwerew prattiċi tajbin u oħrajn ħżiena ta' l-erba' pajjiżi li qed jieħdu sehem, f'dak li għandu x'jaqsam mar-rappreżentazzjoni tan-nisa u l-irġiel fil-media. Matul ix-xhur ta' bejn il-*workshops* il-parteċipanti ħadmu fuq l-iżvilupp ta' numru ta' *guidelines* fuq il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja. Dawn il-*guidelines* se jinħarġu għall-pubbliku lejn l-aħħar tal-proġett, iġifieri kmieni fl-2006.

## 4. Ħolqien Ta' Kuxjenza Dwar L-Ugwaljanza Permezz Ta' L-Edukazzjoni

Dan il-proġett huwa iffinanzjat mis-sejħa magħluqa tal-*Gender Equality Unit* fid-Direttorat Generali tax-Xogħol fl-UE (VP 2004/19). L-iskop ta' dan il-proġett huwa li jiġu irranġati l-isterjotipi u l-*gender roles* li jagħmlu parti mill-proċess ta' l-edukazzjoni formali, li ħafna drabi jwasslu biex studenti ta' l-iskejjel primarji u sekondarji jaspiraw għal xogħol u rwoli fil-ħajja privata li jkunu iddettati mis-sess tagħhom aktar milli mill-interessi tagħhom. Dan il-proġett huwa immirat lejn *policy-makers*, għalliema u studenti. L-għan ewlieni huwa li jissensibilizza lill-komunita' dwar il-bżonn ta' aktar ugwaljanza bejn is-sessi kif ukoll ir-responsabbiltajiet ta' l-irġiel u tal-missirijiet fit-twettiq ta' xogħol li għadu assoċjat mal-irwol tal-mara/omm. L-imsieħba trans-nazzjonali għal dan il-proġett huma Ċipru u l-Latvja, li huma irrappreżentati mill-makkinarju Nazzjonali għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Koalizzjoni għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi rispettivament. L-imsieħba Maltin jinkludu il-Fakulta' ta' l-Edukazzjoni (l-Universita' ta' Malta), u d-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

F'dan il-proġett se jsir studju fuq il-*policies* kurrenti ta' l-edukazzjoni biex jiġu identifikati il-punti b'saħħithom u dawk dgħajfin fil-qasam ta' l-ugwaljanza. Wara dan, hemm il-ħsieb li jiġu identifikati miżuri tajbin jew pożittivi li jista' jkun li diġa' qed jirranġaw xi nuqqasijiet fil-qasam tal-*gender,* biex dawn jiġu integrati fil-*policies* ta' l-imsieħba l-oħrajn. Dan l-istudju se jgħin ukoll biex jintagħrfu prattiċi li jista' jkun qed joħolqu tfixkil li qed iżomm milli jiġu implementati *policies* ta' ugwaljanza bejn is-sessi fil-qasam edukattiv.

**Riċerka**

Bħala parti mill-proġett se jkun imħejji kwestjonarju li se jitqassam fost l-istudenti kemm fl-istadju inizzjali tal-kampanja tar-reklamar kif ukoll aktar wara. Permezz ta' dan il-kwestjonarju se jiġu studjati l-perċezzjonijiet tat-tfal fuq l-irwoli tan-nisa u l-irġiel kemm fl-isfera domestika bħala ġenituri kif ukoll fil-karrieri professjonali. Dan il-kwestjonarju se jkun immirat lejn etajiet partikolari kif ġej: Tfal mit-tielet sal-ħames sena primarja u tfal minn Form 2 sa Form 4.

**Sejħiet għall-offerti:**

L-NCPE ħarġet dawn is-sejħiet għall-offerti fl- 2005:

| **Isem tat-Tender** |
|---|
| Kuntratt ta' xogħol għall-Ingaġġ ta' *project coordinator* |
| Kuntratt ta' xogħol għall-ingaġġ ta' *Gender Analyst* |
| Kuntratt ta' xogħol għall-ingaġġ ta' riċekartur |

| |
|---|
| Kuntratt għas-servizzi tat-twettiq ta' kwestjonarju għal raġunijiet ta' riċerka |
| Kuntratt ta' Servizz għall-Reklamar u Relazzjonijiet Pubbliċi fuq graphic u web development. |
| Kuntratt ta' Servizz għall-provvediment ta' akkomodazzjoni, postijiet u *refreshments* għall-konferenzi u seminars. |

**Għodda Pedagoġika**

Bħalissa qed jiġu żviluppati żewġ *websites* għal dan il-proġett. Waħda minn dawn hija ristretta għall-imsieħba fil-proġett waqt li l-oħra hija intiża għat-tfal. Għodod oħrajn se jkollhom il-mira li tinkiseb l-ugwaljanza bejn is-sessi kemm fil-ħajja domestika kif ukoll fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, il-proġett jikkonsisti wkoll fil-produzzjoni u l-istampar ta' materjal għall-użu fl-uffiċini, per eżempju *bookmarks*, *posters* eċċ, li se jkunu mqassma matul ġimgħa ta' attivitajiet li se tinżamm lejn l-aħħar tas-sena d-dieħla.

**Seminars**

Permezz ta' dan il-proġett se jiġu ipprovduti seminars ta' taħriġ għal għalliema kif ukoll għalliema prospettivi dwar il-prinċipji ta' l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja. Permezz ta' l-użu ta' eżempji, dawn l-għalliema jiddiskutu oqsma relatati ma' *gender* li hemm bżonn jingħataw attenzjoni, kif ukoll il-bżonn li tingħata attenzjoni partikolari biex is-subien u l-bniet ikollhom aċċess ugwali għall-għodod kollha edukattivi. Barra minn hekk dawn l-għalliema se jkunu issensibilizzati aktar għall-importanza ta' l-użu ta' lingwaġġ newtrali fil-preżentazzjonijiet tagħhom dwar xogħol u responsabbiltajiet familjari.

**Sħubija Trans-nazzjonali**

L-ewwel laqgħa trans-nazzjonali kienet f'Novembru 2005, fejn inġabru esperti minn pajjiżi differenti biex jiddiskutu *policies* differenti li Malta, Ċipru u l-Latvja se jippublikaw f'livell Ewropew. Huwa maħsub li dawn il-*policies* jiġu addattati skond il-kuntest soċjali, kulturali u politiku ta' kull pajjiż.

Sa ma tasal l-aħħar laqgħa trans-nazzjonali, li se tkun fl-2006, kull *partner* irid jidentifika l-istrutturi nazzjonali biex jiġi implementat il-qafas legali, li jidentifika wkoll l-istituzzjonijiet li qed iwettqu riċerka f'dan il-qasam, joħolqu kollegamenti li jistgħu jipprovdu *network channels*, kif ukoll jidentifika l-ostakoli biex b'hekk jinstabu soluzzjonijiet. Il-*policies* ta' riċerka se jkunu ippublikati u mqassma f'rapport finali waqt l-aħħar tliet xhur ta' l-2006.

## 5. L-Ugwaljanza Bejn Is-Sessi – Responsabbilta' Taż-Żewġ Sessi

Il-Kummissjoni hija waħda mill-imsieħba trans-nazzjonali f'dan il-proġett, li huwa mmexxi mill-Makkinarju Nazzjonali għad-Drittijiet tan-Nisa (Ċipru).

Dan il-proġett huwa simili għall-proġett "Ħolqien ta' Kuxjenza dwar l-Ugwaljanza permezz ta' l-Edukazzjoni", għall-fatt li l-għan tal-proġett huwa li jissewwew l-isterjotipi eżistenti fuq l-irwoli ta' l-irġiel u n-nisa permezz ta' l-edukazzjoni. F'dan il-proġett ukoll, se jsiru sforzi biex tinħoloq diskussjoni fl-iskejjel, li se tkun immirata b'mod partikolari lejn tfal ta' bejn il-ħames u sittax-il sena. L-iskop aħħari tal-proġett huwa li ssir bidla permezz ta' *bottom up approach* u b'hekk jgħin lit-tfal biex jiktbu *script* għal programm tat-televiżjoni li jirrappreżenta nisa u irġiel li jaqsmu b'mod ugwali ix-xogħol u r-responsabbiltajiet tal-familja. L-i*script* magħżul, huwa ppjanat li jintwera fuq televiżjoni Ċiprijotta.

Fuq livell trans-nazzjonali, dan il-proġett se jkun qed jorganizza konferenzi f'Malta, il-Greċja, l-Italja u Ċipru biex tqum kuxjenza akbar dwar il-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-irwoli ugwali ta' l-ommijiet u l-missirijiet fil-familja u fuq il-post tax-xogħol. Dawn il-konferenzi jservu wkoll biex jiġbru flimkien l-i*stakeholders* mill-pajjiżi parteċipanti biex jixxerdu aktar prattiċi tajbin.

NCPE

## 6. Id-Differenza bejn is-Sessi fil-Qasam tax-Xjenza U Teknoloġija f'Malta - Proġett tal-UNESCO

F'Malta f'pożizzjonijiet importanti tar-riċerka xjentifika, insibu ftit nisa xjenzati. Fil-fatt jinħass il-bżonn li l-fatturi li jwasslu għal dan in-nuqqas ikunu indirizzati anke għall-fatt li nisa kwalifikati li huma *under-employed*, huma investiment moħli fil-pajjiż. Dan huwa proġett nazzjonali u l-imsieħba lokali fih huma l-NCPE, l-ETC u l-*Gender Issues Committee* ta' l-Universita' ta' Malta

### Ġbir tad-Data

L-ewwel parti ta' dan il-proġett se tikkonsisti fi ġbir ta' informazzjoni dwar perspettivi ta' *gender* fil-karrieri xjentifiċi, kif ukoll kemm studenti terzjarja jagħżlu li jieħdu dawn it-tip ta' korsijiet. Dan se jfisser li jrid jinbena *database* fuq bażi nazzjonali li fih se tinġabar l-informazzjoni kollha eżistenti li tinkludi wkoll il-pożizzjoni tax-xogħol, mobbilta' tax-xogħol, xogħol attwali ta' dawn il-persuni, kif ukoll, informazzjoni dwar responsabbiltajiet tal-familja. Huwa maħsub li l-analiżi ta' din id-*database* se tikxef fatturi li ma jidhrux li jixħtu dawl fuq ir-raġuni għan-nuqqas ta' nisa fil-qasam xjentifiku f'Malta.

### Kampanja ta' Media u Promozzjoni

Parti oħra mill-proġett se tikkonsisti fit-tqassim ta' informazzjoni u f'kampanja fuq il-media. Din il-kampanja se sservi biex jiġu reklamati il-benefiċċji li joħorġu minn *policies* li jġibu 'il quddiem l-opportunitajiet indaqs. Barra minn hekk, huwa maħsub li din il-kampanja se tgħin ukoll biex jiġu eliminati l-isterjotipi abbażi ta' *gender* fil-qasam ta' xogħolijiet assoċjati max-xjenza. L-għanijiet ta' din il-kampanja jinkludu:

- Li aktar bniet/nisa jitħajru jidħlu fil-qasam tax-xjenza u t-teknoloġija
- Jiġu identifikati fatturi li jgħinu biex jinżammu aktar nisa fil-qasam tax-xjenza u t-teknoloġija
- Tgħin biex aktar nisa javvanzaw f'dan ix-xogħol
- Tħajjar nisa esperti biex jirritornaw lura fuq dan it-tip ta' xogħol wara li kellhom jitilqu għal raġunijiet varji.

## 7. Tkabbir tal-Kapaċitajiet Fil-Qasam ta' *Multi-Ground Equality*

Matul din is-sena l-Kummissjoni ippreżentat proġett, taħt l-inizjattiva *Twinning Light*, li huwa mistenni li jipprovdi taħriġ dwar il-qasam ta' *multi-ground equality*, b'mod speċjali dwar *gender*, razza jew oriġini etnika, reliġjon jew twemmin, eta' u orjentazzjoni sesswali. Dan se jsir bil-ħsieb li jista' jkun hemm possibilta' ta' tkabbir fl-NCPE f'dan is-sens. Dan il-proġett se jgħin ukoll biex membri ta' l-NCPE u l-istaff bit-tagħrif neċessarju u bl-għodda addattata biex jintlaqgħu ilmenti ta' din ix-xorta. Barra min hekk, dawn se jingħataw ukoll informazzjoni simili uffiċjali superjuri tal-gvern, parastatali u privati:

- tinqered diskriminazzjoni fil-qasam tax-xogħol u opportunitajiet ta' taħriġ;
- jinħolqu strutturi adegwati biex tiġi evitata d-diskriminazzjoni;
- tiżdied il-kapaċita' biex jiġu trattati ilmenti simili.

# Il-Kodiċi ta' Prattika f'Każi ta' Fastidju Sesswali

## *Sexual Harassment Code of Practice*

F'April 2005 il-pubblikazzjoni ta' l-NCPE imsejħa "*Sexual Harassment Code of Practice*" ġiet varata waqt konferenza fejn ġew mistiedna *human resource managers* u persuni li jħaddmu.

Il-pubblikazzjoni ta' dan il-kodiċi, kienet inizzjativa li ttieħdet mill-NCPE wara li waslu bosta ilmenti dwar fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol tul is-sena 2004. Permezz ta' l-istess ilmenti, il-Kummissjoni setgħet tara kif il-pubbliku, inkluż min iħaddem iħarsu lejn il-fastidju sesswali, li jinkludi wkoll bosta perċezzjonijiet, uħud minnhom żbaljati dwar dan is-suġġett. B'hekk inħass il-bżonn li jinħoloq dokument li jeqred l-idejat żbaljati dwar din il-problema u fl-istess waqt jgħid b'mod ċar x'inhuwa u fiex jikkonsisti l-fastidju sesswali. Is-*Sexual Harassment Code of Practice* jagħti wkoll informazzjoni dwar x'passi għandhom jittieħdu fiċ-ċirkostanzi ta' fastidju sesswali, kif ukoll jinkludi mezzi effettivi li permezz tagħhom jista' jiġi evitat il-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol. Barra minn hekk, dan il-kodiċi, jagħti stampa ċara, speċjalment lil min iħaddem, dwar il-provvedimenti tal-liġi dwar dan is-suġġett, kif ukoll informazzjoni dwar forom differenti kif il-fastidju sesswali jista' jinxtered fil-postijiet tax-xogħol. Apparti minn dan, il-kodiċi jagħti wkoll informazzjoni dwar il-proċeduri li jistgħu jittieħdu minn persuni li jħossu li huma vittmi ta' fastidju sesswali, biex jippreżentaw ilment ta' din ix-xorta, kif ukoll ir-responsabbilta ta' min iħaddem li jiżgura li l-fastidju sesswali jieqaf b'effett immedjat. F'dan id-dokument, min iħaddem ingħata wkoll istruzzjonijiet dwar miżuri li għandhom jittieħdu biex jiġi żgurat li episodji ta' fastidju sesswali jieqfu, biex ma jiġux ripetuti, kif ukoll biex min ikun sofra l-fastidju ma jiġix vittimizzat aktar. Id-dokument fih ukoll eżempji ta' miżuri preventivi li jistgħu jittieħdu biex jiġi evitat li jseħħ il-fastidju sesswali, eżempji dwar miżuri li jistgħu jittieħdu biex jirrimedjaw għal meta dan iseħħ, kif ukoll eżempji ta' proċeduri dixxiplinarji li jistgħu jittieħdu fil-konfront ta' min iwettaq dan il-fastidju. Barra minn dan kollu, is-*Sexual Harassment Code of Practice* jgħid ukoll x'inhu l-irwol ta' l-NCPE fil-kuntest ta' meta jseħħ fastidju sesswali, skond Kap. 456, Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa. Fl-aħħar nett f'Addendum III ta' dan il-kodiċi, insibu mudell ta' *policy* dwar fastidju sesswali li tista' sservi ta' bażi għal min iħaddem biex jimplimenta *policy* bħal din u jagħmel l-arranġamenti neċessarji biex din tkun addattata skond l-ambjent ta' xogħol partikolari.

Il-pubblikazzjoni ta' dan id-dokument kienet sponsorjata minn tnejn mill-*unions* prinċipali f'Malta: il-*General Workers Union* u l-Union Ħaddiema Magħqudin. Fil-fatt dan kien sinjal ċar u pożittiv li

l-eliminazzjoni tal-fastidju sesswali minn fuq il-postijiet tax-xogħol huwa ta' prijorita' għaż-żewġ unions ewlenin. Ġew imqassma numru kbir ta' kopji ta' dan id-dokument f'postijiet tax-xogħol varji f'Malta u Għawdex, inkluż aġenziji, is-Servizz Pubbliku, is-settur privat kif ukoll fost il-pubbliku in ġenerali. Ingħataw kopji ukoll lil organizzazzjonijiet differenti oħrajn inkluż il-fabbriki fl-oqsma industrijali kollha, l-iskejjel kollha, il-banek, l-awtoritajiet, kummissjonijiet, kumpaniji oħra u l-SMEs.

Sal-lum l-NCPE għadha tirċievi numru ta' talbiet, minn sorsi varji, għal kopji ta' dan id-dokument. Dan juri biċ-ċar li dan id-dokument fil-fatt qed jagħti r-riżultati pożittivi mixtieqa u qed jilħaq l-għan li għalih fil-fatt inkiteb mill-NCPE, dak li jgħin lill-poplu Malti jirrealizza l-importanza ta' dan is-suġġett.

**Appoġġ fl-implimentazzjoni ta' *policies* biex jiġi eliminat il-fastidju sesswali**

Wara li ġie varat dan id-dokument, kienu diversi l-aġenziji, organizzazzjonijiet u kumpaniji li għamlu kuntatt ma' l-NCPE biex jitolbu pariri u għajnuna fl-implimentazzjoni ta' *policy* dwar il-fastidju sesswali għall-postijiet tax-xogħol rispettivi tagħhom.

# Klawsola dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

Wara li tressqet l-ewwel proposta fl-2004, l-NCPE din is-sena irrevediet il-Klawsola dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi, biex timxi skond il-mudell tal-Kundizzjonijiet Ġenerali mfassla mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Huwa mifhmum li din il-klawsola għandha tiġi inkluża f'kull document tat-*tenders* li joħroġ. Dan se jsir biex tkun żgurata l-promozzjoni tal-*gender mainstreaming* f'kull qasam, skond il-prijorita' orizzontali li l-UE tagħti lis-suġġett ta' l-ugwaljanza. Barra minn hekk dan jimxi fuq id-Direttiva ta' l-UE 2002/73/KE dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel f'dak li jirrigwarda aċċess għall-impjieg, taħriġ vokazzjonali u promozzjoni, u kundizzjonijiet tax-xogħol.

It-test fil-forma integrali huwa kif ġej:

Ugwaljanza fix-xogħol

1 Il-Kuntrattur għandu jiżgura li l-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi jiġi mħaddan u għalhekk m'għandux jiddiskrimina fuq bażi ta' sess, stat maritali jew responsabbiltajiet familjari. Dan ifisser li ma jista' jkun hemm ebda diskriminazzjoni fuq bażi ta' *gender* fil-kundizzjonijiet, inkluż kriterji fl-għażla, għall-aċċess ta' kull impjieg jew post vakanti, ikun x'ikun is-settur jew it-tip ta' attivita' u kull livell fil-ġerarkija okkupazzjonali. Għandu jiġi applikat il-prinċipju ta' l-istess paga għall-istess xogħol jew xogħol ta' l-istess valur.

2. Għalhekk fit-twettiq ta' l-obbligazzjonijiet tal-kuntratt tiegħu/tagħha, il-Kuntrattur se jkun marbut li jiżgura li jkun hemm tqassim indaqs tas-sessi fil-livelli okkupazzjonali kollha. Mingħajr preġudizzju għal dan, il-Kuntrattur għandu jispjega b'mod ċar l-organizzazzjoni ta' xogħol fil-kumpanija kif ukoll it-tqassim ta' l-impjegati fil-livelli okkupazzjonali differenti. Hi/hu għandu/ha j/tipprova li ittieħdet kull miżura possibli mill-kumpaniji biex tinġieb 'il quddiem l-ugwaljanza u tiġi evitata id-diskriminazzjoni.

# Parteċipazzjoni f'Konferenzi/Seminars/Fora

Bħala l-awtorita' nazzjonali responsabbli mill-ugwaljanza bejn is-sessi, u skond it-termini ta' riferenza tagħha, il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza (NCPE) tiġi mistiedna f'diversi okkażjonijiet biex tirrapreżenta lil Malta u tagħti s-sehem tagħha f'konferenzi internazzjonali u ta' l-UE. Dawn il-konferenzi jgħinu wkoll biex jinħoloq *networking* u tikber il-koperazzjoni ma awtoritajiet oħra. Kif ukoll jiġu stabbiliti kuntatti f'dan il-qasam.

## 1. Konferenzi u Laqgħat Barra Minn Malta

**Laqgħa ta' Livell Għoli,** 11 ta' Jannar, Lussemburgu

Il-Kummissjoni bagħtet rappreżentant f'din il-Laqgħa ta' Livell Għoli dwar il-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing,f'Jannar 2005. Il-suġġett ewlieni ta' din il-laqgħa kien il-*gender mainstreaming* fl-Istati ta' l-Unjoni Ewropea. Il-laqgħa kienet ukoll kontinwazzjoni tal-laqgħa ta' qabel dwar il-Beijing + 10, l-abbozz tar-rapport dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel tas-summit tar-Rebbiegħa 2005, it-*Troika Meeting*, l-inizzjattivi ta' *gender mainstreaming* waqt il-Presidenza tal-Lussemburgu u l-Presidenzi tal-ġejjieni. Waqt il-laqgħa, ingħatat informazzjoni dwar żviluppi riċenti f'dan il-qasam.

**Konferenza dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Media** 12 – 14 ta' Jannar, Latvja

F'din il-laqgħa imsejħa "*Mass Media* fir-(Ri)-distribuzzjoni tal-poter", li saret f'Riga, Latvja, ipparteċipat delegazzjoni Maltija magħmula minn sitt persuni inklużi rappreżentanti ta' l-NCPE u rappreżentanti minn fergħat differenti tal-media. L-għan ta' dan il-proġett kien il-promozzjoni tal-bilanċ bejn is-sessi fil-parteċipazzjoni fuq livell nazzjonali kif ukoll Ewropew, kif ukoll il-bidla fl-isterjotipi eżistenti fil-media biex tintlaħaq sitwazzjoni fejn iż-żewġ sessi ikunu motivati u jgawdu minn opportunitajiet indaqs fil-kuntest ta' teħid ta' deċiżjonijiet fuq suġġetti, li huma ta' importanza għas-soċjeta' kollha.

Waqt din il-konferenza d-delegazzjoni Maltija tat is-sehem tagħha permezz ta' diversi interventi u preżentazzjonijiet. Waqt dawn il-laqgħat deher ċar li l-liġi Maltija hija ferm aktar avvanzata minn dik ta' l-istati Baltiċi u fil-fatt xi kollegi talbu ħafna aktar dettalji dwar il-liġi Maltija b'mod partikolari dwar il-provvedimenti fuq il-kontroll tar-reklamar.

**Laqgħa dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-Istati Membri ta' l-UE,** 18 ta' Jannar, Brussel [DG Żvilupp]

Id-Direttur Eżekuttiv ta' l-NCPE, attendiet għal din il-laqgħa, fejn ingħatat informazzjoni dwar il-progress li sar matul l-aħħar għaxar snin u dak li għad hemm bżonn li jsir biex jintlaħqu l-għanijiet ta' Beijing. L-agenda ta' din il-laqgħa iffukat fuq żewġ oqsma ewlenin: Il-pjanijiet futuri ta' l-istrateġiji ta' l-UE dwar l-iżvilupp u koperazzjoni fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi; u Tisħiħ ta' l-Agenda tal-Beijing + 10 fil-preparamenti għall-MDG Summit. Dr Fransen semmiet li waħda mill-isfidi ewlenin ta' l-UE hija li tiddefinixxi viżjoni kollettiva ta' l-Unjoni Ewropea li għandha tissarraf f'azzjoni li għandha tittieħed mill-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri. L-għan ewlieni huwa li permezz t'hekk l-UE ikollha rwol ta' tmexxija fit-twettiq ta' l-iskopijiet ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi.

**Konferenza Ministerjali,** 4 ta' Frar, Lussemburgu

F'din il-Konferenza ħadet sehem delegazzjoni Maltija, immexxija mill-On. Dolores Cristina u kien hemm ukoll rappreżentant ta' l-NCPE. Is-suġġett ewlieni ta' din il-laqgħa kien prinċipalment id-draft tad-Dikjarazzjoni Komuni tal-Beijing +10 dwar mekkaniżmi istituzzjonali, u dwar mezzi u għodod li jistgħu jintużaw fil-qasam ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi. L-NCPE innominat rappreżentat biex jattendi għal din il-konferenza. Saret diskussjoni dwar fost l-oħrajn:

- l-affermazzjoni pożittiva tal-Ministri dwar il-Beijing +10
- l-importanza ta' l-irwol ta' l-irġiel u l-missirijiet fil-*mainstreaming* ta' l-ugwaljanza
- l-irwol tan-nisa fir-riżoluzzjoni ta' kunflitti u fil-promozzjoni tal-paċi,
- in-neċessita' ta' l-UE li tagħmel *gender mainstreaming* tal-*policies* kollha,
- il-bidla tal-liġi minn "promozzjoni ta' l-ugwaljanza" għal "garanzija ta' ugwaljanza sħiħa fil-prattika" u
- l-implementazzjoni tal-*gender mainstreaming* permezz tal-Fondi ta' l-UE.

**Konferenza Ministerjali EQUAL 'Moviment Ħieles ta' Idejat Tajbin',** 25-26 ta' Frar, Warsaw

Tliet rappreżentanti ta' l-NCPE, inkluż il-Kummissarju kienu parti mid-delegazzjoni Maltija, magħmula minn tnax-il persuna li attendew għal din il-konferenza imsejħa "Moviment Ħieles ta' Idejat Tajbin" L-għan ta' din il-konferenza kien li tinħoloq kuxjenza akbar dwar l-inizzjattivi tajbin fil-qasam ta' l-ugwaljanza li ġew ippruvati permezz ta' l-EQUAL. Fost l-oħrajn matul din il-konferenza ingħatat informazzjoni dwar mezzi kif jista' jiġi evitat il-qagħad, l-integrazzjoni ta' gruppi żvantaġġati u l-promozzjoni ta' l-integrazzjoni soċjali. Permezz ta' din il-Konferenza, ingħatat l-opportunita' li politikanti, konsulenti politiċi u entitajiet li jimplimentaw il-politika, isiru jafu

dwar modi tajbin, li ġew mixtarra taħt l-EQUAL, li jistgħu jkunu ta' għajnuna, kif ukoll kif dawn jistgħu jiġu addattati. Saret ukoll diskussjoni fost il-parteċipanti dwar l-importanza ta' l-integrazzjoni ta' *policies* tajbin fil-livelli reġjonali, lokali, nazzjonali u Ewropej.

**Id-49 Sezzjoni tal-Kummissjoni għall-Istatus tan-Nisa (Beijing +10) – 2-4 Marzu,** New York

Id-Direttur Eżekuttiv ta' l-NCPE irrappreżentat lill-Kummissjoni fid-49 Sezzjoni tal-Kummissjoni għall-Istatus tan-Nisa. Malta, flimkien ma' pajjizi oħra reġgħet ikkonfermat il-pożizzjoni tagħha dwar l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tad-Dikjarazzjoni ta' Beijing u l-Pjattaforma ta' Azzjoni bħala mezz biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn is-sessi u biex jintrabtu li jaħdmu bis-sħiħ għat-twettiq ta' l-istess Dikjarazzjoni u Pjattaforma ta' Azzjoni. Ġew diskussi *policies* li ħarġu mill-għanijiet tal-Kunsill tar-Rebbiegħa, li l-ħsieb tagħhom huwa li jiżdied ix-xogħol bħala mezz li bih jintrebħu l-isfidi ta' soċjeta' li qed tixjieħ, kif ukoll biex jingħataw pensjonijiet xierqa għan-nisa u għall-irġiel.

**Proġett tal-Kummissjoni Ewropea – Bini ta' Kapaċitajiet fis-Soċjeta' Ċivili li tieħu ħsieb l-Anti-Diskriminazzjoni (Vt/2004/45) Programm ta' Laqgħat ta' Taħrig għal Min Iħarreġ** 21-22 Marzu, Istanbul, Turkija

Dan il-proġett huwa mmexxi mill-Fakulta' tal-Liġi, ġewwa l-Universita' ta' Malta. Għal dawn il-laqgħat ta' taħriġ attendiet delegazzjoni Maltija magħmula minn 6 esperti li jaħdmu fil-qasam ta' l-ugwaljanza. Fost dawn kien hemm ukoll rappreżentanti ta' l-NCPE. Il-ħsieb wara dawn il-laqgħat kien li jagħti għarfien u kapaċitajiet lill-parteċipanti biex dawn wara jkunu jistgħu jħarrġu uffiċjali oħra dwar id-Direttivi ta' l-UE dwar l-ugwaljanza. – 2000/43/KE u 2000/78/KE.

**Is-26 Laqgħa tal-Kumitat Konsultattiv dwar l-Opportunitajiet Indaqs għan-Nisa u l-Irġiel:** 23 ta' Mejju, Brussel

Il-Kummissarju attendiet għal din il-laqgħa ġewwa Brussel fejn ġew diskussi bosta suġġetti, inkluż:

- ir-rapporti ta' *Working Groups* bħal dak li qed jaħdem fuq l-anti-diskriminazzjoni u l-ugwaljanza bejn is-sessi. Malta iffurmat parti sostanzjali minn dan il-"working group",
- informazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea dwar il-*Gender Institute*,
- il-ħruġ mill-ġdid ta' direttivi dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi,
- it-tħejjija ta' Komunikazzjoni dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi mill-Kummissjoni Ewropea,
- il-*green paper* ta' l-istess Kummissjoni dwar tibdil demografiku u

- aġġornament dwar l-allokament finanzjarju għall-ugwaljanza u riforma tal-fondi strutturali.

**Konvokazzjoni tat-32 Laqgha tal-Kumitat ta' Tmexxija dwar l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel (CDEG):** 8-10 ta' Gunju, Strasburg, Franza

Matul din il-laqgħa ġie diskuss id-dokument imħejji mill-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar azzjoni kontra l-ittrafikar ta' persuni. F'din il-laqgħa wkoll issemmew attivitajiet fil-qasam tal-parteċipazzjoni bilanċjata tan-nisa u l-irġiel fil-fergħat tal-politika u f'livell ta' teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi. Issemmiet ukoll ir-rakkomandazzjoni dwar il-protezzjoni tan-nisa mill-vjolenza u x'ġara wara li din seħħet, ġew diskussi wkoll attivitajiet dwar *gender mainstreaming* u ingħatat informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-Kunsill ta' l-Ewropa fil-qasam ta' l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel. Id-Direttur Ezekuttiv irrappreżentat lill-Kummissjoni f'din il-laqgħa.

**L-Ugwaljanza bejn is-Sessi: Il-Muftieħ għall-bidla:** 9-10 ta' Ġunju, Madrid, Spanja

Din il-konferenza mifruxa fuq jumejn, kienet prinċipalment dwar il-bżonn li tissaħħaħ l-aġenda tal-*gender mainstreaming* u għal dan il-għan ġew ippreżentati, numru ta' idejat tajbin li jistgħu jġibu 'il quddiem il-prinċipju ta' l-ugwaljanza. Ingħatat ukoll prominenza lill-eżempji effettivi ta' proġetti ta' l-EQUAL u ideat ġodda li illum ħallew impatt tajjeb fil-pajjiż rispettiv fejn saru, kif ukoll madwar l-Ewropa.

**"Il-*Mainstreaming* tad-diversita: il-ftuħ ta' dibattitu mas-soċjeta' kollha" Konferenza:** 27-28 ta' Ġunju, Lussemburgu

Il-Kummissarju ħadet sehem f'din il-laqgħa fis-27 ta' Gunju. Il-parti tal-ftuħ ta' din il-laqgħa saret minn Christiane Martin, Kummissarju tal-Gvern għall-Barranin, Marie-Josee Jacobs, mill-Ministeru għall-Familja u l-Integrazzjoni tal-Lussemburgu, Vladimir Spidla, il-Kummissarju Ewropew għall-Affarijiet Soċjali u Opportunitajiet Indaqs u Claude Moraes mill-Grupp tal-Parlament Ewropew Kontra r-Razziżmu u għad-Diversita'. Il-*workshops* li saru f'din il-laqgħa kienu dwar:

(1) l-anti-diskriminazzjoni u l-integrazzjoni: Mezz kif jista' jitħaffef il-proċess ta' l-integrazzjoni?
(2) is-sehem ta' l-awtoritajiet reġjonali/lokali
(3) il-media: rwol attiv fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni?
(4) Iż-żgħażagħ bħala atturi fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni.

Fit-28 ta' Ġunju 2005 saru żewġ diskussjonijiet dwar il-*mainstreaming* tad-diversita' u diskriminazzjoni f'aktar minn qasam wieħed.

**Il-11-il Laqgħa tal-Kumitat li ġie mwaqqaf biex jimplimenta l-Programm dwar il-Qafas ta' Strateġija dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2001-2005)** 6 ta' Lulju, Brussel

Il-Kummissarju (NCPE) attendiet għal din il-Laqgħa nhar is-6 ta' Lulju 2005. Fost l-oħrajn din il-laqgħa kienet dwar l-Implimentazzjoni tal-Programm 2005 u l-Programm tax-Xogħol għall-2006, kif ukoll dwar l-evalwazzjoni esterna tal-Programm u tal-Qafas Strateġiku.

**'Transpożizzjoni tad-Direttiva 2002/73 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju tat-trattament indaqs għan-nisa u l-irġiel' – Laqgħa għal esperti governattivi** 11 ta' Lulju, Brussel

Id-Direttur Eżekuttiv kienet ir-rappreżentanta ta' l-NCPE waqt din il-laqgħa għar-rappreżentanti tal-gvernijiet, fejn ġiet diskussa fid-dettal it-transpożizzjoni tad-Direttiva 2002/73/KE dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju tat-trattament indaqs ta' l-irġiel u n-nisa. F'din il-laqgħa ġew diskussi wkoll l-aktar partijiet importanti tad-Direttiva b'mod speċjali fejn jidħlu istituzzjonijiet ta' l-Ugwaljanza, id-dritt ta' għaqdiet li jidħlu biex jgħinu u jagħtu l-appoġġ tagħhom fl-ilmenti. Saret diskussjoni wkoll dwar l-obbligu li jsir djalogu soċjali ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi, dwar kumpensi xierqa u tiswija fejn isiru danni f'dan il-qasam. Fir-rigward ta' istituzzjonijiet ta' l-ugwaljanza, ir-rappreżentanta ta' Malta spjegat kif permezz tal-liġi, tista' ssir medjazzjoni, filwaqt li min-naħa ta' djalogu soċjali, ġew spjegati żviluppi li saru lokalment bħal per eżempju il-pubblikazzjoni tad-dokument *Sexual Harassment: a Code of Practice* li kien eżempju effettiv ta' djalogu soċjali mas-Settur Pubbliku, it-*Trade Unions* u l-Għaqdiet ta' Min Iħaddem.

**Konferenza msejħa "Konfrontazzjoni lejn il-bidla demografika: solidarjeta' ġdida bejn il-ġenerazzjonijiet":** 12 ta' Lulju, Brussel

L-għan ewlieni ta' din il-konferenza kien li tipprova tara x'soluzzjonijiet possibli jista' jkun hemm għall-kwistjonijiet li tqajmu fil-*Green Paper*. Għal dan il-għan saret diskussjoni politika fejn kien hemm erba' *workshops* differenti li kienu dwar bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja, xjuħija attiva, l-integrazzjoni ta' immigranti u r-rata ta' twelid li hi problema pubblika. Id-dibattitu kien prinċipalment dwar reazzjonijiet politiċi li hemm bżonn li jittieħdu f'bosta oqsma bħal per eżempju *policy* tal-familja, bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja, xjuħija attiva, l-immigrazzjoni u l-irwol ta' l-UE li taħdem biex is-soċjetajiet fi ħdanha jitgħallmu jindirizzaw din il-bidla demografika b'mod tajjeb.

**Laqgħa ta' Livell Għoli dwar il-*Gender Mainstreaming*** 30 ta' Settembru, Londra

Id-diskussjoni ewlenija f'din il-laqgħa kienet dwar il-Presidenza tar-Renju Unit u l-presidenzi ta' warajha. Il-Presidenza tar-Renju Unit fil-fatt imxiet fuq il-fatt li temmen li l-ġustizzja tista' sseħħ

permezz ta' indipendenza ekonomika, u b'hekk din intagħżlet bħala t-tema ewlenija tal-Laqgħa Ministerjali li saret Birmingham f'Novembru.

**'X'qiegħed jaħdem għan-nisa?: Nilqgħu l-isfidi, naqsmu s-soluzzjonijiet',** *Birmingham*
F'din il-konferenza ingħatat importanza lill-inizjattivi tajbin, minn madwar l-UE, li taw ir-riżultati mixtieqa fil-qasam ta' l-ugwaljanza. Saret diskussjoni dwar kif inizjattivi bħal dawn, huma ta' għajnuna biex jintlaħqu għanijiet kemm soċjali kif ukoll ekonomiċi, inkluż l-ugwaljanza bejn is-sessi. Barra minn dan sar ukoll diskors dwar il-qagħda tan-nisa fl-istati membri Ewropej, u ġew imsemmija mezzi kif in-nisa jistgħu jingħataw aktar setgħa biex fuq il-postijiet tax-xogħol tintlaħaq l-ugwaljanza vera.

**Konferenza Euromed tan-Nisa Barcelona + 10,** *Palau de Pedralbes, Barcelona*
L-għan ta' din il-konferenza kien li tippromwovi l-irwol attiv tan-nisa fis-Sħubija Ewro-Mediterranja u biex tingħata aktar importanza lill-bżonn li tiġi meqjusa il-perspettiva ta' *gender* fid-definizzjonijiet tar-regolamenti u *policies* Ewro-Mediterranji.

Din il-konferenza kellha skopijiet varji apparti dawn t'hawn fuq. Dawn jinkludu it-twaqqif ta' Forum għan-Nisa biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni tan-nisa fit-tmexxija tal-politika tal-Euromed. Lejn l-aħħar tal-Konferenza ġew addottati numru ta' konklużjonijiet li se jiġu ippreżentati bħala kontribuzzjoni fil-Konferenza Ewro-Mediterranja dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi li qed tiġi organizzata mill-Kummissjoni Ewropea għall-2006.

## 2. Konferenzi U Laqgħat Lokali

**Laqgħat tal-Kummissjoni**
L-NCPE iltaqgħet fuq bażi regulari. Fil-fatt matul l-2005 saru 10 laqgħat fl-uffiċċju tal-Kummissjoni fejn ittieħdu bosta deċiżjonijiet, li fuqhom ittieħdet l-azzjoni li kien hemm bżonn.

Barra minn hekk, is-Sotto-Kumitat li jieħu ħsieb l-ilmenti ltaqa' wkoll b'mod regolari biex jiddiskuti u jieħu azzjoni fuq ilmenti ġodda li jidħlu u oħrajn li jkun għad irid isir xi xogħol fuqhom, kif ukoll biex jikseb informazzjoni, permezz ta' laqgħat li saru apposta dwar ilmenti speċifiċi. Barra minn dan, is-sotto-kumitat ħa spunt minn bosta lmenti li daħlu biex jagħmel suġġerimenti dwar tibdil li għandu jsir jew direzzjoni li għandha tittieħed, anki fuq livell nazzjonali biex ma tibqax issir diskriminazzjoni.

**"Trejd Unions u l-*Gender* f'Malta: Programm ta' riflessjoni għal min jaħdem ma', u għal ħaddiema nisa"** 13-14 ta' Jannar

Rappreżentant ta' l-NCPE attenda għal dan is-seminar organizzat mill-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ. Dan is-seminar kien indirizzat minn Prof G Baldacchino, fejn bosta *trade unions* u entitajiet lokali oħra li jaħdmu fil-qasam ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi ġew mistiedna biex jiġi diskuss l-isat attwali tal-parteċipazzjoni tan-nisa attivi fis-suq tax-xogħol u l-organizzazzjoni tagħhom fit-*trade unions*. Minbarra l-NCPE, kien hemm ukoll rappreżentanti mill-GWU, UHM, UCC, MUMN, MUT, u l-ETC li taw is-sehem tagħhom f'dan is-seminar. Dawn ir-rappreżentanti ipparteċipaw f'*workshops* fejn fost l-oħrajn, ġew diskussi r-raġunijiet għaliex il-parteċipazzjoni ta' ħaddiema nisa fit-*trade unions* għadha relattivament baxxa f'Malta. L-għan ta' dawn il-*workshops* kien li jinstabu metodi effettivi li jistgħu jiġu utilizzati biex tiġi indirizzata din il-problema.

**Konferenza dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-Teknologija Informatika,** MCST, 21 ta' Jannar

Din il-konferenza, fejn attendew aktar minn ħamsin parteċipant, ġiet organizzata mill-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ (ETC), il-Ministeru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali (MFSS) u l-NCPE. Dr Jane Millar, li kienet waħda mill-kelliema ewlenin f'din il-konferenza, tkellmet dwar l-esperjenza tar-Renju Unit fil-qasam ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-Teknologija ta' l-Informatika. Min-naħa l-oħra, rappreżentant ta' l-ETC tkellem dwar il-perspettiva ta' min iħaddem fuq dan is-suġġett, waqt li r-rappreżentant ta' l-NCPE tkellem dwar l-importanza li jintuża reklamar li jinkludi iż-żewġ sessi fil-promozzjoni ta' *software* u materjal ieħor relatat mat-teknoloġija ta' l-informatika.

**Seminar dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Familja – NSO Open day,** 27 ta' Jannar

Waqt dan is-seminar, id-Direttur Eżekuttiv ta' l-NCPE għamlet preżentazzjoni msejħa '*Work/life Balance is Everybody's Issue*". Wara din il-preżentazzjoni, saret diskussjoni fejn ħarġu idejat u opinjonijiet varji dwar l-għotja ta' miżuri favur il-familja fuq il-post tax-xogħol.

**Preżentazzjoni tal-Konfederazzjoni Maltija ta' Ghaqdiet tan-Nisa (MCWO),** 28 ta' Jannar

Il-Kummissarju ġiet mistiedna biex titkellem f'din il-laqgħa fejn għall-ewwel darba ġiet ippreżentata din il-Konfederazzjoni. Aspett posittiv ħafna tal-waqfien ta' din il-Konfederazzjoni huwa li permezz tagħha bosta organizazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) bħal per eżempju l-UHM, il-GWU MAS,

il-*Maltacom Female Employees,* is-*Soroptimist International* u oħrajn, inġabru flimkien biex jiġu irrappreżentati bħala imsieħba Maltin fil-*European Women's Lobby*.

**L-Ewwel Anniversarju mit-Twaqqif ta' l-NCPE – Konferenza** – 18 ta' Frar

L-NCPE organizzat din il-Konferenza biex tfakkar l-ewwel sena mit-twaqqif tagħha u titkellem dwar ix-xogħol u s-suċċessi li kellha l-Kummissjoni matul is-sena 2004. Barra minn hekk il-Kummissjoni tat ukoll informazzjoni dwar l-istrateġiji u d-direzzjoni li kienet se tieħu matul l-2005.

Għal din il-Konferenza ġew mistiedna fost oħrajn, bosta entitajiet governattivi, kumpanijia privati, organizazzjonijiet mhux governattivi (NGOs), għaqdiet tan-nisa, *trade unions*, kunsilli lokali, għaqdiet tal-media, l-awtoritajiet tal-Knisja u banek.

Il-Kummissarju ħadet ħsieb il-ftuħ ta' din il-konferenza waqt li d-Direttur Eżekuttiv ippreżentat l-ewwel Rapport Annwali tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, issemma ukoll il-mod kif inhi organizzata l-NCPE, in-numru ta' lmenti minn sorsi differenti li ħadmet fuqhom il-Kummissjoni kif ukoll il-proċedura li permezz tagħha jiġu indirizzati l-ilmenti. Id-Direttur Eżekuttiv semmiet ukoll ir-reklamar offensiv, il-fastidju sesswali, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, kif ukoll il-ħafna talbiet għall-informazzjoni li rċeviet il-Kummissjoni, l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-kuntest ta' l-Unjoni Ewropea kif ukoll il-bosta proġetti li huma parzjalment finanzjati mill-UE.

Sar ukoll diskors minn Dame Joan Harbison, Kummissarju Ewlieni għall-Kummissjoni ta' l-Ugwaljanza ta' l-Irlanda ta' Fuq. Il-vjaġġ tagħha kif ukoll iż-żmien li qattghet f'Malta kien iffinanzjat mill-Kummissjoni Għolja tar-Renju Unit. Hi tkellmet dwar l-esperjenza ta' l-Irlanda ta' Fuq fil-qasam ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi. Barra l-preżentazzjoni ta' Dame Harbison, saru wkoll preżentazzjonijiet dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-qasam tax-xogħol fin-negozjar kollettiv, li ingħatat minn Dr Charmaine Grech (GWU) u Mr Pierre Fava (MEA), kif ukoll preżentazzjonijiet dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-media minn Dr Brenda Murphy, mill-Universita' ta' Malta u minn Ms Joanna Spiteri mill-Awtorita' Tax-Xandir.

Ġew organizzati wkoll tliet *workshops* fejn il-parteċipanti iddiskutew:

- Il-proċeduri ta' l-NCPE dwar l-Ilmenti
- Ix-xogħol u n-negozjar kollettiv
- Il-Media u r-Reklamar

Lejn l-aħħar parti tal-konferenza, ġew ippreżentati ir-riżultati li ħarġu minn dawn il-*workshop* miċ-*Chairpersons*, u wara sar l-għeluq tal-Konferenza.

**Laqgħa tal-Kumitat dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u x-Xjenza** – 4 ta' Frar

Il-Kummissarju ta' l-NCPE mexxiet l-ewwel laqgħa ta' dan il-Kumitat fejn ġiet diskussa l-formazzjoni ta' lista ta' għanijiet li se jaħdem fuqhom dan il-Kumitat. Il-Kumitat iddeċieda li jibda jiltaqa' b'mod regolari u jikkomunika kemm jista' jkun ta' spiss biex permezz t'hekk jintlaħqu l-għanijiet b'mod aktar effettiv.

**MCESD Kumitat tas-Soċjeta' Ċivili dwar il-Pensjonijiet –** 7 ta' Frar

L-MCESD organizzat din il-laqgħa dwar l-Abbozz ta' Liġi '*Pensjonijiet: Adegwati u Sostenibbli* ' ippublikata mill-*Pensions Working Group*. Rappreżentant ta' l-NCPE ħa ħsieb jara bir-reqqa dan l-abbozz u ġibed l-attenzjoni fuq xi siltiet minnu li huma ta' importanza biex b'hekk, il-kummenti li joħorġu, jiġu ppreżentati quddiem l-awtoritajiet rilevanti f'isem il-Kummissjoni.

**Jum il-Mara -** 8 ta' Marzu

Bħala parti mill-attivitajiet għal Jum il-Mara, l-NCPE iltaqgħet ma' bosta awtoritajiet ta' Malta, fosthom il-President tar-Repubblika, il-mexxejja tat-tliet partiti politiċi ewlenin u l-Arċisqof ta' Malta. F'dawn il-laqgħat, l-NCPE ħadet ukoll l-okkażjoni biex tippreżenta l-ewwel Rapport Annwali tagħha lil dawn il-persuni.

**Kwistjonijiet dwar ix-Xogħol – L-Iżvilupp ta' l-UE u l-Implikazzjonijiet tiegħu** – Assoċjazjoni Maltija ta' Min Iħaddem (MEA), 30 ta' Marzu

F'din l-okkazjoni, id-Direttur Eżekuttiv (NCPE), infurmat lil min ħa sehem dwar il-funzjonijiet u l-irwol ta' l-NCPE skond il-Liġi dwar l-Ugwaljanza bejn l-Irġiel u n-Nisa. Barra minn hekk, semmiet ukoll il-provvedimenti eżistenti dwar ix-xogħol li joħorġu kemm mill-Liġi dwar l-Ugwaljanza bejn l-Irġiel u n-Nisa u l-Att dwar ix-Xogħol u r-Relazzjonijiet Industrijali.

**In-Nisa u r-Riforma fil-Pensjonijiet – Kif se taffettwak?** – Konfederazzjoni Maltija ta' l-Għaqdiet tan-Nisa (MCWO), 30 ta' Marzu

Rappreżentant ta' l-NCPE ħa sehem f'dan is-seminar fejn ġiet diskussa il-proposta għall-bidla fis-sistema preżenti tal-pensjonijiet minn perspettiva ta' *gender*. F'dan is-seminar ingħatat ukoll

informazzjoni u saru diversi diskussjonijiet dwar ir-riformi proposti fil-pensjonijiet u l-impatt tagħhom fuq in-nisa.

**Diskussjoni dwar l-Ugwaljanza fil-Liċeo tal-Bniet ta' l-Imrieħel:** 6 t' April

Id-Direttur Eżekuttiv ġiet mistiedna fil-Liċeo tal-Bniet ta' l-Imrieħel biex tieħu sehem f'diskussjoni ta' erbgħin minuta bejn il-bniet li jattendu f'din l-istess l-iskola u grupp subien minn skola sekondarja oħra. Kien interessanti ta' min jinnota kif il-bniet kienu ferm aktar lesti li jilqgħu l-isfidi li tagħti l-ħajja waqt li s-subien kienu ħafna aktar konservattivi fil-mod kif iħarsu lejn l-irwoli li suppost għandhom tradizzjonalment in-nisa u l-irġiel. Madankollu lejn l-għeluq tad-diskussjoni, ħareġ ċar li l-parteċipanti kollha kienu qed jikkunsidraw kemm fil-fatt huwa validu l-*istatus quo*.

**"Laqgħa dwar l-Isfidi tar-Razziżmu u l-Xenofobia":** 14 t' April

Żewġ rappreżentanti ta' l-NCPE attendew għal din il-konferenza li kienet organizzata mill-*Jesuit Refugee Service* (JRS) u l-*Jesuit Faith and Justice Centre* (CFJ). L-iskop ta' din il-konferenza kien li jqajjem kuxjenza dwar il-manifestazzjonijiet lokali u internazzjonali ta' razziżmu u xenofobia, kif ukoll biex isiru proposti għad-dħul ta regolamenti speċifiċi biex atitudnijiet bħal dawn jispiċċaw. F'din il-konferenza ingħatat ukoll informazzjoni dwar il-mezzi bżonjużi biex jiġu stabbiliti u implimentati liġijiet u pjanijiet ta' azzjoni li jiġġieldu r-razziżmu u l-xenofobia. Ingħata wkoll iċ-ċans lil għaqdiet li ipparteċipaw biex jieħdu sehem fi djalogu li kien ibbażat fuq id-dinjita' umana, it-tolleranza u r-rispett għad-diversita'.

**"Fastidju Sesswali fuq il-Post tax-Xogħol: X'għandu jkun jaf min iħaddem":** 27 t'April

Waqt dan is-seminar ġie ippreżentat b'mod uffiċjali d-dokument ta' l-NCPE "*Sexual Harassment: a Code of Practice*" Dan is-seminar kien organizzat mill-FHRD u l-NCPE flimkien, u kien immirat b'mod speċjali għal min iħaddem u għall-*human resource managers*. Matul is-seminar, issemmew il-miżuri li għandhom jittieħdu biex jiġi evitat u eliminat il-fastidju sesswali, kif ukoll ingħatat informazzjoni dwar kif problemi ta' fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol għandhom jiġu indirizzati. Ingħatat ukoll importanza kbira lill-bżonn li tiġi implimentata politika ta' regolamenti dwar il-fastidju sesswali, anki skond il-provvediment f'Kap. 456, Att dwar l-Ugwaljanza bejn l-Irgiel u n-Nisa. Għal dan il-għan il-manwal jipprovdi wkoll mudell ta' *policy* ta' dan it-tip biex jgħin aktar lil min iħaddem fl-implimentazzjoni ta' din il-*policy* kif ukoll biex jgħin fis-sensibilizzazzjoni tal-ħaddiema għal *issues* ta' fastidju sesswali fil-postijiet tax-xogħol rispettivi tagħhom.

“***Sexual Harassment: A Code of Practice*****” –** prezentazzjonijiet lill-Universita’ ta’ Malta (UOM), l-Uffiċċju tal-Prim Ministru (OPM) u l-L-Awtorita’ Maltija tas-Servizzi Finanzjarji (MFSA).

Id-Direttur Eżekuttiv ippreżentat id-dokument “*Sexual Harassment - a Code of Practice*” lil tliet entitajiet oħra kif gej:

- Il-Manwal ġie ippreżentat lill-Universita’ ta’ Malta, fejn ġew diskussi l-aktar punti importanti tad-dokument, kif ukoll saret diskussjoni dwar il-fastidju sesswali ma’ l-istudenti tal-B.Communications.
- Il-Manwal ġie ppreżentat lill-*iStaff Development Organisation*, fejn għal darba oħra ġew diskussi suġġetti b’rabta mal-fastidju sesswali ma’ impjegati fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Għal darb’ohra ingħatat ukoll informazzjoni dwar l-aktar punti importanti tal-manwal.
- Il-Manwal ġie wkoll ippreżentat lill Awtorita’ Maltija tas-Servizzi Finanzjarji, (MFSA), din id-darba lil kapijiet u deputati ta’ din l-istess awtorita’

**EQUAL Seminar:** 23 ta’ Mejju

Żewġ rappreżentanti ta’ l-NCPE, ħadu sehem f’dan is-seminar dwar it-tieni parti ta’ l-‘EQUAL’, li kien organizzat mill-Unit ta’ l-Affarijiet ta’ l-UE fil-Ministeru għall-Famlja u s-Solidarjeta’ Soċjali flimkien ma’ l-Istrutturi ta’ Appoġġ Nazzjonali Franċiżi u Ġermaniżi. Ir-rappreżentanti Franċiżi u Ġermaniżi ippreżentaw eżempji ta’ proġetti tajbin li raw waqt l-ewwel parti ta’ l-EQUAL. Ġew ukoll ippreżentati il-progetti Maltin għat-tieni parti ta’ l-EQUAL. Il-proġett ta’ l-EQUAL 'Promozzjoni ta’ l-Opportunitajiet permezz ta’ l-għotja ta’ aktar Setgħa (*Empowerment*) ġie ppreżentat minn rappreżentant ta’ l-NCPE.

**“Ħidma lejn Soċjeta’ Inklussiva”** Le Meridien Phoenicia, 15 ta’ Settembru

Membri ta’ l-NCPE ħadu sehem f’din il-konferenza organizzata mill-EDRC li kienet dwar l-ugwaljanza, ibbażata fuq il-prinċipji ta’ protezzjoni li tħaddan l-Unjoni Ewropea. Prof Mark Bell, Prof Anthony Kerr, Prof Sacha Prechal, Ms Isabelle Rorive, Mr Richard Whittle, u Ms Gay Moon għamlu diversi preżentazzjonijiet dwar suġġetti li jinkludu il-Qafas ta’ Strateġiji ta’ l-UE, l-esperjenza leġislattiva u ġudizzjarja ta’ l-Irlanda, suċċessi u tendenzi fl-Unjoni Ewropea, diskriminazzjoni razzjali u reliġjuża, il-politika dwar diżabilita’ ta’ l-UE kif ukoll it-twettiq tad-Direttivi dwar l-Ugwaljanza.

**Laqgħa tal-Kumitat ta’ l-Affarijiet Soċjali , MFSS** 4 t’Ottubru 2005

ID-Direttur Eżekuttiv ġiet mistiedna tattendi għal din il-laqgħa ta’ skrutinju ta’ tliet dokumenti ta’ l-UE dwar il-MFSS. Fost dawn kien hemm id-dokument *Memorandum dwar Rapport mill-*

*Kummissjoni Ewropea lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel, 2005 (COM (2005) 44 Final).*

***Ethical Business Power: Win-win with Corporate Social Responsibility**, InterContinental Malta, St Julians,* 11th October 2005

F'din il-konferenza ġie diskuss id-dħul ta' miżuri ta' responsabbilta' soċjali korporattiva fl-istrateġiji organizzattivi tan-negozji. Kien diskuss ukoll l-aspett ta' l-ugwaljanza, u kif id-diversita' tista' tkun ta' profit għan-negozju. Saru wkoll preżentazzjonijiet dwar inizzjattivi tajba ta' CSR min-numru ta' kelliema, li wara saret diskussjoni dwarhom.

**'L-Ugwaljanza bejn is-Sessi' Seminar tal-GWU** 17 t'Ottubru 2005

L-NCPE ħadet sehem f'dan is-seminar li prinċiparjament kien dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-qasam tax-xogħol u t-taħriġ. Matul dan is-seminar rappreżentant ta' l-NCPE ippreżenta document bl-isem ta' 'L-Ugwaljanza bejn is-Sessi - l-Implimentazzjoni tad-Direttiva'.

**'Il-Kompetittivita u l-Agenda ta' Lisbona – Konferenza mill-Perspettiva ta' Stati Żgħar'** *Foundation for International Studies, Valletta,* 18 - 19 t'Ottubru 2005

F'din il-konferenza, ġiet diskussa l-Agenda ta' Lisbona mill-perspettiva tal-Gvern, tan-negozjanti, tat-*trade unions* u tas-soċjeta' ċivili. Matul il-konferenza issemmew diversi suġġetti fosthom l-irwol tal-Gvern fil-promozzjoni tal-kompetittivita', il-kura ta' l-intraprenditorija, il-promozzjoni ta' l-investiment, produttivita' u l-promozzjoni ta' xogħol, koeżjoni soċjali u l-protezzjoni ta' l-ambjent.

**L-Uwaljanza bejn is-Sessi Taħriġ għas-*Social Workers*** *Ċentru Ħidma Soċjali* - 9 ta' Novembru

Id-Direttur Eżekuttiv ġiet mistiedna mill-Union tas-Social Workers, biex tipprovdi taħriġ dwar il-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi. Matul din is-sessjoni, id-Direttur Eżekuttiv spjegat kif is-*social workers* jistgħu jintegraw dan il-prinċipju fix-xogħol tagħhom ta' kuljum.

***'Gender and the Digital Divide' Seminar', CHOGM People's Forum** Mediterranean Conference Centre, Valletta,* 21 ta' Novembru 2005

Rappreżentant ta' l-NCPE attenda għal dan is-Seminar li kien organizzat bħala parti mill-attivitajiet taċ-CHOGM. Waqt din l-attivita', ġiet diskussa id-differenza bejn is-sessi fil-qasam tar-riċerka fit-Teknoloġija ta' l-Informatika, kemm fuq livell ta' l-Unjoni Ewropea, kif ukoll fuq livell nazzjonali. Saret ukoll diskussjoni dwar mezzi kif din id-differenza tista' titnaqqas.

# Sehem fil-Media

## 1. Stqarrijiet għall-Istampa

**Jum il-Mara 2005: Preżentazzjoni tar-Rapport Annwali 2004 (8 ta' Marzu)**

Il-Kummissjoni ħarġet stqarrija għall-istampa fl-okkażjoni tal-preżentazzjoni tar-Rapport Annwali 2004 lill-Prim Ministru, li saret f'Jum il-Mara 2004. Il-Kummissarju tkellmet dwar l-organizzazzjoni ta' l-NCPE kif ukoll dwar il-funzjonijiet tal-Kummissjoni li joħorġu mill-Att dwar l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel. Semmiet ukoll il-fatt li l-NCPE identifikat ħames prijoritajiet għal Azzjoni għall-perjodu bejn l-2004 u l-2006, li huma -

- Tinforma l-pubbliku dwar l-irwol ta' l-NCPE u dwar il-provvedimenti fil-liġijiet dwar il-fastidju sesswali,
- Toħloq proċedura biex il-Kummissjoni timxi fuqha meta tirċievi ilment kif ukoll twaqqaf bord li jieħu ħsieb l-ilmenti,
- Taħdem ma' kummissjonijiet oħra, awtoritajiet u NGOs,
- Taħdem fuq studju dwar l-implikazzjonijiet ta' l-introduzzjoni ta' *quotas*
- Tissorvelja il-liġijiet eżistenti kif ukoll in-negozjar kollettiv ta' diversi kumpaniji fil-kuntest ta' liġijiet ta' l-ugwaljanza.

**It-Twaqqif ta' Sott-Kumitat dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u x-Xjenza (25 t'April)**

Minħabba n-numru zgħir ta' nisa li jaħdmu fil-qasam tar-riċerka xjentifika, l-NCPE ħasset il-bżonn li twaqqaf sotto-kumitat dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u x-xjenza biex jaħdem ħalli jinbidel l-izbilanċ f'dan il-qasam. Dan is-sotto-kumitat huwa magħmul minn membri li ġejjin minn oqsma varji, u li l-iskop tagħhom se jkun li jieħu ħsieb l-investiment moħbi tal-pajjiż, biex dan ma jiġix moħli, u b'hekk jiggarantixxi li nisa ikkwalifikati f'dan il-qasam ikollhom il-pożizzjonijiet li jixirqilhom. B'hekk, tissaħħah ukoll il-pożizzjoni ta' Malta bħala forza kompetittiva fil-Qasam tar-Riċerka Ewropea.

**Riklami għal Opportunitajiet ta' Xogħol (9 ta' Ġunju)**

Minħabba l-fatt li għal aktar minn sena, l-NCPE ġibdet l-attenzjoni ta' l-edituri tal-gazzetti, f'diversi modi dwar il-provvediment ta' Kap.456 Att dwar l-Ugwaljanza bejn l-Irgiel u n-Nisa, fir-rigward ta' reklamar għal opportunitajiet ta' xogħol, il-Kummissjoni ħarġet din l-istqarrija għall-istampa biex għal darba oħra terġa tiġbed l-attenzjoni għal dawn il-provvedimenti. F'din l-istqarrija, l-NCPE

irringrazzjat lill-Edituri kollha tal-gazzetti lokali għal koperazzjoni tagħhom, kif ukoll reġgħet tenniet l-importanza li jiġu ikkunsidrati l-provvedimenti tal-liġi kemm fil-kliem użat fir-riklami kif ukoll fi stampi li jistgħu jkunu inklużi fir-reklami għal opportunitajiet ta' xogħol. F'din l-istqarrija għall-istampa, il-Kummissjoni sostniet il-fatt li meta wieħed jikkunsidra z-zmien li ghadda minn meta dahlet fis-sehh il-ligi ghall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, kull min kellu x'jaqsam mar-reklamar kien jaf li r-reklamar diskriminatorju mhux aċċettabbli. Għalhekk, f'din l-istqarrija l-NCPE avżat li mill-pubblikazzjoni ta' din l-istqarrija, l-NCPE kienet ħa tieħu kull azzjoni meħtieġa, u li għandha l-awtorita' li tieħu permezz tal-liġi.

## 2. Kontribuzzjoni fir-Radju u fit-Televiżjoni

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza (NCPE) ħadet sehem f'diversi programmi inkluż Sellili, Mona Lisa, Donne, Bondiplus, 22 am, Qalb in-Nies, Sejjaħtli u Xarabank kif ukoll fi programmi tar-radju fuq l-RTK, bħal Inwar kif ukoll programmi oħra fuq Radju Malta 1. Bażikament, f'dawn il-programmi, ġie diskuss l-irwol ta' l-NCPE kif ukoll ix-xogħol li twettaq. Barra minn dan spiss issemma wkoll il-proċess ta' kif persuna tista' tressaq ilment, kif ukoll ingħatat informazzjoni dwar Kap. 456, Att dwar l-Ugwaljanza bejn l-Irġiel u n-Nisa, b'mod speċjali fuq il-fastidju sesswali, l-opportunitajiet indaqs fix-xogħol, kif ukoll reklamar diskriminatorju.

## 3. Artikli Fil-Gazzetti

**'*Achieving gender-balanced representation in decision-making positions'* – *The Malta Independent*, 13 t'April 2005.**

F'dan l-artiklu ġew diskussi l-kwoti u għalhekk ġew ippreżentati bosta argumenti kemm favur kif ukoll kontra l-użu tal-kwoti biex jiġi indirizzat l-iżbilanċ bejn is-sessi fil-qasam politiku. Barra minn hekk, ġie diskuss ukoll il-bżonn li jiżdied in-numru attwali ta' nisa li qegħdin f'pożizzjonijiet fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet. Għal dan il-għan ingħataw eżempji ta' inizzjattivi tajbin minn pajjiżi varji fl-UE li jistgħu jgħinu biex jintlaħaq dan il-bilanċ. F'parti oħra mill-artiklu kien hemm informazzjoni dwar strateġiji li jtejbu il-pożizzjoni tan-nisa fil-qasam politiku. Għalhekk, fl-artiklu kien hemm ukoll silta li ffukat fuq kif it-tliet partiti ewlenin f'Malta iħarsu lejn l-użu tal-kwoti biex jintlaħaq bilanċ effettiv.

***Gender and Information Communication Technology – The Malta Independent*, 15 ta' Ġunju 2005**

Dan l-artiklu tkellem dwar id-differenza bejn is-sessi fil-qasam ta':

- Aċċess tan-nisa għall-Internet
- Nisa li jaħdmu fil-qasam tat-Teknologija Informatika
- It-teħid ta' deċiżjonijiet.

F'dan l-artiklu ingħatat ukoll informazzjoni dwar nisa u irġiel li jaħdmu fit-Teknoloġija ta' l-Informatika f'Malta, *tele-working* fis-settur pubbliku Malti u l-istrateġija tal-Gvern dwar it-Teknoloġija ta' l-Informatika minn perspettiva ta' *gender*.

# Taħriġ ta' l-Istaff ta' l-NCPE

Il-Kummissjoni temmen li t-taħriġ ta' l-istaff eżekuttiv huwa bżonjuż biex ikun żgurat li l-istaff qed jingħata l-abbiltajiet meħtieġa dwar il-politika ta' l-ugwaljanza bejn is-sess. L-istaff huwa mħeġġeġ biex jipparteċipa f'dan it-taħriġ li huwa offrut f'diversi modi - kemm bħala taħriġ għall-grupp kollu kif ukoll bħala taħriġ individwali f'korsijiet aktar formalizzati.

**Programm ta' Taħriġ dwar l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irgiel - *Staff Development Organisation* u d-Dipartiment Taljan dwar Politika tal-Kommunita'**

Dan il-programm ta' taħriġ, li kien immexxi minn Mr Corrado Sesselego, riċerkatur professjonali u koordinatur, sar bejn il-11 u 12 t' April 2005. Il-Membri kollha ta' l-NCPE ħadu sehem f'dan it-taħriġ. Is-suġġetti li ssemmew f'dan it-taħriġ kienu jinkludu fost l-oħrajn:

- Il-prinċipji ġenerali li timxi fuqhom il-politika ta' l-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi
- Il-Kriterji ta' Lisbona għax-xogħol tan-nisa u l-irġiel
- Id-Direttivi ta' l-UE dwar l-Ugwaljanza: Deskrizzjoni Qasira
- L-Ugwaljanza bejn is-Sessi fix-Xogħol u r-Relazzjonijiet Pubbliċi
- Telf ta' Kapaċitajiet minħabba it-Tipi ta' Xogħlijiet Attwali li qed jagħmlu l-Irġiel u n-Nisa
- Suċċessi fl-Italja – Metodi Prattiċi biex tiġi indirizzata l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fil-qasam tax-Xogħol
- Id-Differenza fil-pagi li jieħdu n-Nisa meta mqabbla ma' l-Irġiel
- Il-Prinċipju ta' l-Ugwaljanza fil-Media
- Eżempji Tajbin u Ħżiena ta' Rappreżentazzjoni ta' Rġiel u Nisa fil-Media – awdjo-viżiva u l-media ippublikata

***Multi-ground Training*: Sħubija bejn Malta u l-Olanda**

L-għan ta' dan it-taħriġ kien li tingħata informazzjoni lill-istaff ta' l-NCPE dwar l-obbligazzjonijiet imsemmija fid-Direttiva 2000/43/KE u fid-Direttiva 2000/78/KE, li jitkellmu dwar trattament ugwali ta' persuni irrispettivament mis-sess, razza jew oriġini etnika, orjentazzjoni sesswali, eta', reliġjon jew twemmin u diżabilita'. Waqt dan it-taħriġ saru diskussjonijiet dwar dawn id-diversi tipi ta' diskriminazzjoni. L-iskop ewlieni ta' dan it-taħriġ kien li l-istaff ta' l-NCPE jiġi issensibilizzat dwar it-tipi ta' diskriminazzjoni differenti msemmija permezz ta' eżerċizzji varji li saru f'*workshops* mħejjija apposta għal waqt dan it-taħriġ.

**Id-Direttivi ta' l-UE u l-*Gender Mainstreaming***

Dan it-taħriġ ingħata lill-membri ta' l-istaff ta' l-NCPE mill-*Gender Liaison Officer*, fejn ġew spjegati il-provvedimenti mniżżla fid-Direttivi ta' l-Unjoni Ewropea b'mod speċjali fid-Direttiva ta' l-UE 2002/73/KE. Matul din is-sessjoni, issemmew diversi definizzjonijiet li tagħti din id-Direttiva, fosthom it-tifsira ta' "diskriminazzjoni diretta" u "diskriminazzjoni indiretta", it-tifsira ta' "fastidju" u dik ta' "fastidju sesswali", kif ukoll id-definizzjoni ta' "vittimizzazzjoni". Il-*Gender Liaison Officer* ġibdet ukoll l-attenzjoni għal suġġetti bħal *bullying* eċċ. li huma kwistjonijiet ta' saħħa u sigurta' fuq il-post tax-xogħol. Barra minn dan, din id-direttiva titkellem dwar il-protezzjoni tal-vittmi, tisħaq l-importanza tal-*gender mainstreaming* kif ukoll issemmi l-importanza li jsir djalogu dwar dan is-suġġett ma' l-imsieħba soċjali kif ukoll l-importanza tas-sorveljar ta' prattiċi fuq il-postijiet tax-xogħol, tan-negozjar kollettiv tal-kumpaniji u issir promozzjoni fuq eżempji ta' inizzjattivi tajbin li permezz tagħhom tista' tinġieb 'il quddiem l-ugwaljanza bejn is-sessi.

**Fondi Strutturali Ewropew**

Saru numru ta' sessjonijiet ta' taħriġ li kienu organizzati mill-SDO u il-*Managing Authority* dwar il-Fond Strutturali Ewropew (FSE). Dawn jinkludu taħriġ dwar id-*Database* tal-Fond Strutturali u taħriġ dwar il-Fondi mill-UE 2007 - 2013. Żewġ membri mill-istaff ta' l-NCPE attendew għal dawn iż-żewġ korsijiet li saru nhar it-30 ta' Marzu kif ukoll nhar il-25 u 26 t'April 2005.

- ***Database* tal-Fond Strutturali, *Managing Authority***

  It-taħriġ dwar il-Programm Strutturali tal-Fond Socjali Ewropew iffoka prinċipalment fuq in-naħa amminstrattiva tal-proġetti FSE. Dan kien jikkonsisti f'taħriġ fuq il-proċedura standard tal-*filing*, l-ipproċessar ta' fatturi u it-tmexxija ġenerali u l-aġġornar tad-*Database* tal-Fondi Strutturali.

- **Fondi ta' l-UE 2007 - 2013**

  Il-programm ta' taħriġ dwar il-Fondi ta' l-UE Funding 2007 - 2013 kien dwar proġetti possibli ta' l-UE li fil-futur jistgħu jiġu iffinanzjati mill-Programm FSE matul il-perjodu 2007 - 2013.

**Proġett tal-Kummissjoni Ewropea – Bini ta' Kapaċitajiet fis-Soċjeta Ċivili li tieħu ħsieb l-Anti-Diskriminazzjoni (Vt/2004/45) Programm ta' Laqgħat ta' Taħriġ għal min iħarreġ** 21-22 Marzu, Istanbul, Turkija

Żewġ membri ta' l-istaff tal-Kummissjoni ħadu sehem f'dan it-taħriġ li prinċipalment kien dwar l-implikazzjonijiet tad-Direttivi ta' l-UE 2000/43/KE u 2000/78/KE. Dan it-taħriġ kien maħsub biex jagħti l-abbiltajiet neċessarji biex wara jgħin sabiex jiġi mħejji seminar ta' l-istess tip f'Malta.

**Diploma (Studji Soċjali) Gender u Żvilupp**

Membru ta' l-istaff ta' l-NCPE qed tattendi għat-tieni u l-aħħar sena ta' dan id-Diploma (Studji Soċjali) *Gender* & Żvilupp. Dan id-Diploma huwa maħsub biex joħloq kuxjenza akbar u aktar kritika dwar l-irwoli u l-parteċipazzjoni tan-nisa u l-irġiel fid-dar, fuq il-post tax-xogħol u fis-soċjeta' in ġenerali. Dan il-kors jgħin ukoll lill-parteċipanti biex jifhmu l-kwistjonijiet marbuta ma' l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-opportunitajiet indaqs, kif ukoll jgħin biex il-parteċipanti jiżviluppaw lilhom infushom u jitgħallmu jkunu aktar assertivi permezz ta' preżentazzjonijiet, kif ukoll jiżviluppaw kapaċitajiet aħjar ta' kommunikazzjoni. Dan il-kors jinkludi bosta suġġetti. Fost dawn insibu:

- Xjenza tal-Politika u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi
- Soċjoloġija tal-*Gender*
- L-Ekonomija u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi
- Psikoloġija tal-*Gender*
- *Gender* u s-Saħħa
- L-Ugwaljanza fil-Liġi u l-Politika Soċjali
- L-Ugwaljanza bejn is-Sessi, fl-Edukazzjoni u Taħriġ
- L-Ugwaljanza bejn is-Sessi, ix-Xogħol u l-Ekonomija

**Kulleġġ Internazzjonali ta' Cambridge (CIC) Diploma fit-Tmexxija/Amministrazzjoni ta' Uffiċċju**

Membru ta' l-istaff ta' l-NCPE ipparteċipat f'dan il-kors tal-Kulleġġ Internazzjonali ta' Cambridge. L-iskop ewlieni ta' dan id-diploma huwa li juri l-importanza li uffiċċju jitmexxa bla xkiel għal ġid ta' l-intrapriża li l-uffiċċju jagħmel parti minnha. Fost is--suġġetti ewlenin li huma inklużi f'dan il-kors insibu :

- Il-funzjonijiet ta' l-uffiċċju u l-amministraturi, l-attivitajiet, l-aspetti tekniċi kif ukoll umani.

- L-ambjent ta' l-uffiċċju, il-kummerċ u l-industrija, l-istruttura organizzattiva. Studji ta' Organizzazzjoni u Moviment.
- Il-lokalita' ta' uffiċċju; pjanti, karatteristiċi ta' l-ambjent tax-xogħol, l-għamara, id-dawl, il-ventilazzjoni u t-temperatura.
- Attivitajiet u responsabbiltajiet ta' uffiċċju; informazzjoni, arkivji u kommunikazzjoni.
- Makkinarju ta' l-uffiċċju, kompjuters, *word processors*, *IT,* sistemi ta' kommunikazzjoni, sistemi ta' *filing*.
- Il-prevenzjoni ta' diżgrazzji, storbju u tnaqqis fir-riskji, u saħħa u sigurta' fuq il-post tax-xogħol.
- ingaġġ, taħriġ ta' orjentament, kontroll, l-għotja ta' marki, ħlas u l-għotja ta' pariri lill-istaff ta' uffiċċju.
- Komunikazzjonijiet bil-fomm u miktuba, telekomunikazzjoni u posta.
- Ir-*reception, ir-receptionists*, l-obbligi tax-xogħol, id-dehra u l-aġir.
- Formuli u dokumenti, business letters, memoranda, rapporti.
- *Word processing, desk top publishing*, kompjuters, għodda ta' l-uffiċċji u stampar.
- Kwistjonijiet finanzjarji, *basic accounting, cashiering, budgets*, kontroll tal-*budget*.

**Lejn Relazzjonijiet Imsaħħa mal-Klijenti**

Membru ieħor mill-NCPE attenda għal dan il-kors, imħejji mill-*iStaff Development Organisation (SDO*). L-għan ta' dan it-taħriġ kien li jgħin lill-parteċipanti biex jagħtu servizz ta' kwalita' aħjar, kif ukoll jgħinhom biex jiksbu l-abbilitajiet neċessarji biex jagħmlu impressjoni tajba, kif ukoll juru lill-klijenti li huma importanti u li se jsir kull ma hu possibli biex jingħataw l-għajnuna li għandhom bżonn. F'dan il-kors ingħatat ukoll informazzjoni dwar it-tmexxija ta' l-ilmenti li jidħlu mingħand il-klijenti kif ukoll il-bejgħ suġġestiv ta' servizzi b'mod aktar effettiv.

# Inizzjattivi Ambjentali

Minħabba l-fatt li l-Gvern Malti intrabat li jagħmel kulma hemm bżonn biex idaħħal fis-seħħ inizjattivi favur l-ambjent fid-Dipartimenti u l-entitajiet tiegħu, l-NCPE tat prijorita' lil dawn il-kwistjonijiet. Fil-fatt, membru ta' l-istaff tal-Kummissjoni inħatar *Green Leader*, bid-dmir li jqajjem kunxjenza dwar l-ambjent ġewwa l-organizzazzjoni. Barra minn hekk skond ir-regoli li għandhom imexxu dawn l-inizzjattivi, li ingħataw mill-Ministeru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali, ir-responsabbiltajiet tal-*Green Leader* jinkludu:

1. li jqajjem kuxjenza dwar azzjonijiet li jstgħu jkunu ta' detriment għall-ambjent u minflok jippromwovi azzjonijiet alternattivi favur l-ambjent;
2. li jiġbor informazzjoni dwar inizjattivi li għandhom x'jaqsmu ma' l-ambjent bħal per eżempju l-użu ta' karti u l-użu ta' enerġija;
3. li jiżviluppa pjan ta' azzjoni biex jitnaqqas il-konsum u jiġu irriċiklati materjali f'perjodu ta' żmien li jkun possibli li dan jitwettaq u b'għanijiet li jistgħu jintlaħqu.

NCPE għamlet l-aħjar li tista' biex timplimenta dawn l-inizjattivi permezz ta' l-introduzzjoni ta' bosta miżuri li huma favur l-ambjent. Fost dawn naraw:

1. Il-Karti:
    - Il-karti A4 jiġu stampati miż-żewġ naħat
    - L-envelops jerġgħu jiġu użati
    - Bosta għodod ta' l-uffiċċju li tuża l-Kummissjoni huma magħmula minn materjal riċiklat, per eżempju: karti ta' l-ittri uffiċjali
    - Il-karti użati, il-gazzetti u r-rivisti jintbagħtu għar-riċiklaġġ

2. Miżuri oħra:
    - L-użu ta' laned apposta biex jiġi isseparat l-iskart
    - L-użu ta' reċipjent apposta biex jitpoġġew fih il-batteriji użati biex imbagħad jintbagħtu biex jintremew kif suppost
    - *cartridges* u *toners* tal-linka vojta jintbagħtu għar-riċiklaġġ
    - l-użu ta' basktijiet bijodigradabbli
    - ittieħdu bosta miżuri biex kemm jista' jkun jitnaqqas il-konsum tad-dawl

L-NCPE taħdem b'mod regolari mal-*WasteServ*, biex jirnexxielha iġġib fis-seħħ dawn il-miżuri. Kull xahar, hemm ġurnata apposta li fiha l-istaff tal-Wasteserv jiġi jiġbor l-iskart li jista' jittieħed għar-riċiklaġġ.

Barra minn hekk, l-NCPE tiżgura li tingħata importanza lill-protezzjoni ta' l-ambjent fit-*tenders* dipartimentali. Fil-fatt il-miżuri favur l-ambjent, inkluż per eżempju l-użu ta' karta riċiklata, jittieħdu in konsiderazzjoni meta tkun qed jiġi aġġudikat xi *tender*.

# Deskrizzjoni tal-Qagħda Finanzjarja

Matul din is-sena l-NCPE ġiet allokata LM75,000, bħas-sena ta' qabel. Prinċipalment, il-*budget* allokat ikopri l-pagi ta' l-istaff u onorarja. Il-bqija tal-fondi jkopru l-ispejjeż normali li huma meħtieġa għat-twettiq tax-xogħol. Hawn taħt hawn rappreżentazzjoni grafika ta' l-infiq kollu mill-Kummissjoni imniżżel f'persentaġġi ta' l-ispejjeż totali.

| | LM |
|---|---|
| Salarji ta' l-iStaff u Onorarja | 44,298 |
| Stampar u Riklamar | 3,142 |
| Vjaġġar u Ospitalita` | 3,879 |
| Servizzi Informattivi | 928 |
| Bżonnijiet ta' l-Uffiċċju | 1,158 |
| Servizzi Professjonali | 1,725 |
| Spejjeż Ġenerali Meħtieġa | 4,722 |




L-ispiża li ntefqet għall-din is-sena kienet konformi ma' dak li kien ippjanat li se jintefaq. Dan sar permezz ta' kontroll strett li sar minn min imexxi fuq l-infiq li sar, għalkemm ta' min jinnota li l-isforzi biex jitnaqqsu l-ispejjeż jillimitaw konsiderevolment ix-xogħol tal-Kummissjoni.

Kummissjoni għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza
2, Triq il-Kavallieri, Valletta Tel: 2590 3850 Fax: 2590 3851
e-mail: gender.equality@gov.mt
www.equality.gov.mt